BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

# Kontijiet Annwali

2014

Frar 2015

**© Bank Ċentrali Ewropew, 2015**

| | |
|---|---|
| **Indirizz postali** | 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Telefon** | +49 69 1344 0 |
| **Internet** | www.ecb.europa.eu |

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

| | |
|---|---|
| **ISSN** | 2443-4914 |
| **ISBN** | 978-92-899-1513-7 |
| **DOI** | 10.2866/630822 |
| **Numru tal-katalgu tal-UE** | QB-BS-15-001-MT-N |

# Werrej

**Rapport amministrattiv għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014** **2**

**Rendikonti finanzjarji tal-BĊE** **18**

Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2014 18

Kont tal-Qligħ u t-Telf għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014 20

Politika tal-kontabilità 21

Noti dwar il-Karta tal-Bilanċ 29

Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ 46

Noti dwar il-Kont tal-Qligħ u t-Telf 49

**Rapport tal-awditur** **55**

**Nota dwar it-tqassim tal-qligħ/l-allokazzjoni tat-telf** **57**

# Rapport amministrattiv għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014

## 1 Għan tar-rapport amministrattiv tal-BĊE

Dan ir-rapport amministrattiv huwa parti integrali mir-rappurtar finanzjarju annwali tal-BĊE. Fih tagħrif kuntestwali sabiex il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-ħidma tal-BĊE, il-qafas operattiv tiegħu u l-impatt tal-operazzjonijiet tal-BĊE fuq ir-rendikonti finanzjarji tiegħu.

Dan ir-rapport jagħti tagħrif dwar ir-riżorsi u l-proċessi ewlenin tal-BĊE, fosthom informazzjoni dwar il-governanza korporattiva. Barra dan, minħabba li l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tal-BĊE jsiru biex isostnu l-għanijiet tal-politika monetarja tiegħu, ir-riżultati finanzjarji tiegħu għandhom jitqiesu flimkien mal-azzjonijiet tal-politika tiegħu. Dan ir-rapport għalhekk fih ukoll tagħrif dwar ir-riskji ewlenin tal-bank u kif dawn jiġu affettwati mill-operazzjonijiet tiegħu, kif ukoll dwar ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-impatt tal-attivitajiet ewlenin tal-BĊE fuq ir-rendikonti finanzjarji tiegħu.

## 2 Għanijiet u kompiti ewlenin

L-għan ewlieni tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-kompiti ewlenin tiegħu, kif huma mfissrin fl-Istatut tas-SEBĊ, jiġbru fihom l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni Ewropea, it-tmexxija ta' operazzjonijiet tal-kambju, il-ġestjoni tar-riżervi barranin uffiċjali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas.

Barra minn hekk, fl-4 ta' Novembru 2014, il-BĊE ħa f'idejh il-kompiti superviżorji tiegħu bil-għan li jħares is-sigurtà u s-saħħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.

## 3 Riżorsi u proċessi ewlenin

### 3.1 Governanza tal-BĊE

Il-Bord Eżekuttiv, il-Kunsill Governattiv u l-Kunsill Ġenerali huma l-korpi deċiżjonali tal-BĊE.[1] Barra dan, il-governanza korporattiva tal-BĊE tiġbor fiha Kumitat tal-Verifika ta' livell għoli u għadd ta' livelli ta' kontroll intern u estern.

[1] Aktar tagħrif dwar il-korpi deċiżjonali tal-BĊE jinsab fil-websajt tal-BĊE (https://www.ecb.europa.eu/ecb/orga/decisions/govc/html/index.mt.html).

### 3.1.1 Kumitat tal-Verifika

Sabiex tkompli tissaħħaħ il-governanza korporattiva tal-BĊE u tal-Eurosistema, il-Kumitat tal-Verifika jgħin lill-Kunsill Governattiv fir-rigward tar-responsabbiltajiet tiegħu dwar l-integrità tal-informazzjoni finanzjarja, is-sorveljanza tal-kontrolli interni, il-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-kodiċijiet ta' kondotta applikabbli u t-twettiq tal-funzjonijiet ta' verifika tal-BĊE u tal-Eurosistema. B'mod partikolari, il-Kumitat tal-Verifika, skont il-mandat tiegħu, jevalwa l-Kontijiet Annwali tal-BĊE u jqis jekk jagħtux stampa vera u ġusta u jekk ikunux saru skont ir-regoli approvati tal-kontabilità. Il-Kumitat tal-Verifika tal-BĊE huwa ppresedut minn Erkki Liikanen (Gvernatur ta' Suomen Pankki – Finlands Bank) u jiġbor fih żewġ membri oħra tal-Kunsill Governattiv (Vítor Constâncio u Christian Noyer) kif ukoll żewġ membri esterni (Hans Tietmeyer u Jean-Claude Trichet).

### 3.1.2 Livelli ta' kontroll estern

L-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi żewġ livelli ta' kontroll estern, jiġifieri l-awdituri esterni maħturin biex jivverifikaw il-Kontijiet Annwali tal-BĊE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li teżamina l-effiċjenza operattiva tal-amministrazzjoni tal-BĊE. Ir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, flimkien mat-tweġiba tal-BĊE, jiġu ppubblikati fil-websajt tal-BĊE[2] u f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fl-indipendenza tal-awdituri esterni tal-BĊE, jiġi applikat il-prinċipju ta' rotazzjoni li bih il-kumpaniji tal-awdituri jinbidlu kull ħames snin. Il-prattika tajba fl-għażla tal-awdituri esterni u d-determinazzjoni tal-mandat tagħhom jipprovdu gwida ta' livell għoli għall-banek ċentrali tal-Eurosistema. Il-prattika tajba tippermetti wkoll lill-Kunsill Governattiv jifformola r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea skont kriterji tal-għażla li jkunu armonizzati, konsistenti u trasparenti. Fl-2013 *Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft* inħatru awdituri esterni tal-BĊE sa tmiem is-sena finanzjarja 2017.

### 3.1.3 Livelli ta' kontroll intern

Ġiet stabbilita sistema bi tliet livelli ta' kontroll intern fil-BĊE li hija magħmula, l-ewwel, minn kontrolli tal-amministrazzjoni, it-tieni, minn diversi funzjonijiet ta' sorveljanza tar-riskju u l-konformità u, it-tielet, minn assigurazzjoni ta' verifika indipendenti.

#### Kontroll tar-riżorsi

Fl-istruttura interna ta' kontrolli tal-BĊE, ir-responsabbiltà u l-għoti ta' rendikont għal affarijiet baġitarji jaqgħu primarjament fuq l-oqsma tax-xogħol individwali. It-Taqsima tal-Baġit, Kontroll u Organizzazzjoni (BCO) tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani, Baġit u Organizzazzjoni tiżviluppa, tħejji u tissorvelja l-qafas tal-ippjanar strateġiku

2 Ara http://www.ecb.europa.eu/ecb/orga/governance/html/index.mt.html

fejn jidħlu r-riżorsi tal-BĊE kif ukoll il-baġit operattiv marbut miegħu. Dawn il-kompiti jitwettqu bil-kooperazzjoni tal-oqsma tax-xogħol, filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju tas-separazzjoni[3] u r-riżultat huwa rifless fil-programmi annwali ta' ħidma tat-taqsimiet. It-Taqsima BCO tipprovdi wkoll l-ippjanar u l-kontroll tar-riżorsi, tanalizza l-benefiċċji u n-nefqa, u teżamina l-investimenti għall-proġetti tal-BĊE u s-SEBĊ. L-infiq skont il-baġits miftiehma jiġi ssorveljat regolarment mill-Bord Eżekuttiv wara li jqis il-parir tat-Taqsima BCO, kif ukoll mill-Kunsill Governattiv bl-għajnuna tal-Kumitat għall-Baġit (BUCOM) li huwa magħmul minn esperti tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro. Skont l-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, il-Kumitat BUCOM jgħin lill-Kunsill Governattiv billi jipprovdi evalwazzjoni dettaljata tal-proposti tal-baġit annwali tal-BĊE u tat-talbiet għal fondi supplimentari tal-baġit mill-Bord Eżekuttiv, qabel ma dawn jiġu ppreżentati lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni.

## Funzjonijiet ta' sorveljanza tar-riskji finanzjarji

Fir-rigward tar-riskji finanzjarji, id-Direttorat tal-BĊE għall-Ġestjoni tar-Riskju huwa responsabbli biex jipproponi politika u proċeduri li jiżguraw livell xieraq ta' ħarsien mir-riskji finanzjarji (a) għall-Eurosistema, inkluż il-BĊE, fit-tmexxija tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja, u (b) għall-BĊE fil-ġestjoni tiegħu tar-riżervi barranin, id-deheb u l-portafolli tal-investiment denominati fl-euro. Id-Direttorat Ġestjoni tar-Riskju jevalwa u jipproponi titjib ukoll fl-oqfsa operattivi tal-Eurosistema għall-politika monetarja u l-politika tal-kambju mill-perspettiva tal-ġestjoni tar-riskju. Barra dan, il-Kumitat għall-Ġestjoni tar-Riskju (RMC), li jiġbor fih esperti mill-banek ċentrali tal-Eurosistema, jgħin lill-korpi deċiżjonali jiżguraw livell xieraq ta' ħarsien għall-Eurosistema billi jimmaniġġa u jikkontrolla r-riskji finanzjarji li joriġinaw mill-operazzjonijiet tas-suq, fil-kuntest kemm tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema kif ukoll tal-portafoll tar-riżervi barranin tal-BĊE. Fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet, il-Kumitat RMC jgħin, *inter alia*, fis-sorveljanza, il-kejl u r-rappurtar tar-riskji finanzjarji fil-karta tal-bilanċ tal-Eurosistema u fid-definizzjoni u l-analiżi tal-metodoloġiji u l-oqfsa assoċjati magħhom.

## Funzjonijiet ta' sorveljanza tar-riskji operattivi

Taħt il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju operattiv (ORM), kull unità organizzattiva tal-BĊE hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji operattivi tagħha u għall-implimentazzjoni tal-kontrolli tagħha stess sabiex jiġu żgurati l-effikaċja u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha. Il-Kumitat għar-Riskju Operattiv (ORC) huwa responsabbli għad-definizzjoni u ż-żamma tal-qafas tal-ORM, u jipprovdi sostenn u taħriġ metodoloġiku filwaqt li jistabbilixxi stampa ġenerali tar-riskji għall-BĊE kollu kemm hu. Il-Kumitat ORC jgħin lill-Bord Eżekuttiv fejn tidħol is-sorveljanza fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji operattivi tal-BĊE. Barra dan, il-Kumitat għall-Iżvilupp Organizzattiv (ODC), li jiġbor fih esperti mill-banek ċentrali tal-Eurosistema, jipprovdi t-tieni livell ta' kontroll fir-rigward tal-

[3] Il-prinċipju tas-separazzjoni jirreferi għar-rekwiżit stipulat fir-Regolament MSU li jipprovdi li l-BĊE għandu jwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu bla ħsara u b'mod separat mill-kompiti tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-politika monetarja u kompiti oħra.

ġestjoni tar-riskju operattiv fil-livell tal-Eurosistema u jgħin lill-korpi deċiżjonali fil-kompitu tagħhom li jiżguraw livell xieraq ta' ħarsien għall-Eurosistema.

### Assigurazzjoni indipendenti

Barra dan, u indipendentement mill-istruttura tal-kontroll intern u s-sorveljanza tar-riskju tal-BĊE, id-Direttorat tal-Verifika Interna jagħmel missjonijiet ta' verifika taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Bord Eżekuttiv. Skont il-mandat iddefinit fil-Karta tal-Verifika tal-BĊE, l-awdituri interni tal-BĊE jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni u konsultazzjoni indipendenti u oġġettivi li jwasslu għal metodu sistematiku fl-evalwazzjoni u t-titjib tal-effikaċja tal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll u l-governanza. L-attivitajiet tal-verifika interna tal-BĊE jikkonformaw mal-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Verifika Interna tal-Istitut tal-Awdituri Interni. Barra minn hekk, kumitat tal-Eurosistema/SEBĊ, il-Kumitat tal-Awdituri Interni li huwa magħmul minn esperti tal-verifika interna mill-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Eurosistema/SEBĊ u l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) billi jipprovdi servizzi ta' assigurazzjoni u konsultazzjoni indipendenti u oġġettivi maħsubin biex iżidu l-valur u jtejbu l-Eurosistema/SEBĊ u l-MSU.

## 3.1.4 Miżuri kontra l-frodi

Fl-1999 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta Regolament[4] li jippermetti, fost l-oħrajn, li ssir investigazzjoni interna mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) f'każijiet ta' suspett ta' frodi fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea. Fl-2004 il-Kunsill Governattiv approva l-qafas legali li jkopri t-termini u l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet mill-OLAF fir-rigward tal-BĊE fejn tidħol il-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra.

## 3.1.5 Programm kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament terroristiku

Fl-2007 il-BĊE stabbilixxa l-iskemi interni tiegħu kontra l-ħasil tal-flus (*anti-money laundering* – AML) u kontra l-finanzjament terroristiku (*counter-terrorist financing* – CTF). Funzjoni ta' konformità fi ħdan il-BĊE tidentifika, tanalizza u tindirizza r-riskji assoċjati mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament terroristiku fl-attivitajiet rilevanti kollha tal-BĊE. B'mod partikolari, il-garanzija ta' konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar dawn iż-żewġ oqsma hija parti mill-proċess li jevalwa u jissorvelja l-eliġibbiltà tal-kontropartijiet tal-BĊE. F'dan ir-rigward, tingħata atttenzjoni speċjali lill-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi maħruġin mill-*Financial Action Task Force* (FATF). Sistema ta' rappurtar intern tikkomplementa l-qafas tal-BĊE dwar dawn iż-żewġ oqsma sabiex tiżgura li t-tagħrif rilevanti kollu jinġabar b'mod sistematiku u jasal kif jixraq għand il-Bord Eżekuttiv.

---

4 Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

## 3.2 Impjegati

It-tħejjijiet għat-tnedija tal-MSU fl-4 ta' Novembru 2014 kellha impatt kbir fuq l-għadd tal-membri tal-istaff tal-BĊE. Il-medja tal-għadd tal-membri tal-istaff (ekwivalenti għal impjiegi *full-time*) li kellhom kuntratti mal-BĊE żdiedet minn 1,683 fl-2013 għal 2,155 fl-2014. Fi tmiem l-2014, kien hemm 2,577 membru tal-istaff impjegati mal-BĊE. Għal aktar tagħrif ara n-nota 31 "Spejjeż tal-istaff" fil-Kontijiet Annwali.

Il-programm ta' appoġġ ta' sentejn dwar it-tranżizzjoni tal-karrieri, li beda f'Jannar 2013, intemm b'suċċess billi 45 membru tal-istaff għamlu użu mill-għajnuna pprovduta biex ikomplu l-karriera barra l-BĊE.

## 3.3 Ġestjoni tal-portafolli

Il-BĊE għandu żewġ tipi ta' portafolli tal-investiment, jiġifieri l-portafoll tal-investiment f'riżervi barranin, denominat f'dollari Amerikani u f'yen Ġappuniżi, u l-portafoll tal-investiment f'fondi proprji, denominat fl-euro. Barra dan, il-fondi marbutin mal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE huma investiti f'portafoll b'ġestjoni esterna. Il-BĊE għandu wkoll titoli denominati fl-euro għall-għanijiet tal-politika monetarja, akkwistati fl-ambitu tal-Programm tas-Swieq tat-Titoli (SMP), il-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi (ABSPP) u t-tliet programmi ta' xiri ta' bonds garantiti (CBPP).

## 3.4 Produzzjoni tal-kontijiet finanzjarji tal-BĊE

Il-Kontijiet Annwali tal-BĊE jsiru mill-Bord Eżekuttiv, skont il-politika tal-kontabilità stabbilita mill-Kunsill Governattiv.[5]

It-Taqsima tar-Rappurtar Finanzjarju u l-Politika Finanzjarja tad-Direttorat Ġenerali tal-Amministrazzjoni hija responsabbli biex tagħmel il-Kontijiet Annwali bil-kooperazzjoni ta' oqsma tax-xogħol oħra kif ukoll biex tara li d-dokumentazzjoni kollha li għandha x'taqsam magħhom tkun disponibbli fil-ħin għall-awdituri esterni u l-korpi deċiżjonali.

Il-Kumitat tal-BĊE għall-Assi u l-Obbligazzjonijiet, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-funzjonijiet tal-BĊE għall-operazzjonijiet tas-suq, il-kontabilità, ir-rappurtar finanzjarju, il-ġestjoni tar-riskju u l-baġit, jissorvelja u jevalwa b'mod sistematiku l-fatturi kollha li jistgħu jaffettwaw il-Karta tal-Bilanċ u l-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE. Il-kumitat jeżamina l-Kontijiet Annwali u d-dokumentazzjoni relatata qabel ma jintbagħtu lill-Bord Eżekuttiv għall-approvazzjoni.

Il-proċessi tar-rappurtar finanzjarju u l-Kontijiet Annwali tal-BĊE jistgħu jkunu suġġetti għal verifika interna. Ir-rapporti kollha tal-verifika interna, li jista' jkun fihom rakkomandazzjonijiet ta' verifika indirizzati lill-oqsma tax-xogħol ikkonċernati, jintbagħtu lill-Bord Eżekuttiv.

5 Ara n-noti dwar il-politika tal-kontabilità.

Barra minn hekk, il-Kontijiet Annwali tal-BĊE jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-awdituri esterni jeżaminaw il-kotba u l-kontijiet tal-BĊE u għandhom aċċess sħiħ għat-tagħrif kollu dwar it-tranżazzjonijiet tiegħu. Ir-responsabbiltà tal-awdituri esterni hija li jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar jekk il-Kontijiet Annwali jagħtux stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-BĊE u tar-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, skont il-politika tal-kontabilità stabbilita mill-Kunsill Governattiv. F'dan ir-rigward, l-awdituri esterni jevalwaw l-adegwatezza tal-kontrolli interni applikati għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-Kontijiet Annwali u jevalwaw kemm tkun xierqa l-politika tal-kontabilità li tkun tħaddmet.

Wara li l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-ħruġ tagħhom, il-Kontijiet Annwali, flimkien mal-opinjoni tal-awdituri esterni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jintbagħtu biex jiġu eżaminati mill-Kumitat tal-Verifika qabel ma jiġu ppreżentati lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni.

Il-Kontijiet Annwali tal-BĊE jiġu approvati mill-Kunsill Governattiv fi Frar ta' kull sena u jiġu ppubblikati minnufih wara. Mill-2015 il-Kontijiet Annwali se jiġu ppubblikati flimkien mar-rapport amministrattiv u l-karta tal-bilanċ konsolidata tal-Eurosistema.

# 4 Ġestjoni tar-riskju

Il-BĊE huwa espost għal riskji kemm finanzjarji kif ukoll operattivi. Għalhekk, il-ġestjoni tar-riskju hija komponent kritiku tal-attivitajiet tiegħu u ssir permezz ta' proċess kontinwu ta' identifikazzjoni, evalwazzjoni, mitigazzjoni u sorveljanza tar-riskji.

## 4.1 Riskji finanzjarji

Ir-riskji finanzjarji jiġu mill-attivitajiet ewlenin tal-BĊE u mill-iskoperturi assoċjati magħhom, b'mod partikolari (a) mir-riżervi barranin u d-deheb; (b) mill-portafolli tal-investimenti denominati fl-euro; u (c) mill-investimenti f'titoli mixtrijin għall-għanijiet tal-politika monetarja fl-ambitu tat-tliet CBPPs, l-SMP u l-ABSPP. Ir-riskji finanzjarji li jiġu minn dawn l-iskoperturi u attivitajiet jinkludu r-riskji tal-kreditu, tas-suq u tal-likwidità. Il-BĊE jiddeċiedi l-allokazzjoni tal-assi tiegħu u jimplimenta l-oqfsa xierqa tal-ġestjoni tar-riskju u d-diliġenza dovuta filwaqt li jqis l-għanijiet u l-finijiet tal-portafolli diversi u l-iskoperturi finanzjarji, kif ukoll il-preferenzi tar-riskju tal-korpi deċiżjonali tiegħu. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-preferenzi jintlaħqu dejjem, il-BĊE jissorvelja u jkejjel ir-riskji regolarment, jieħu azzjonijiet xierqa għall-mitigazzjoni tagħhom meta jkun meħtieġ u jeżamina regolarment l-allokazzjoni tal-assi kif ukoll l-oqfsa tiegħu tal-ġestjoni tar-riskju.

Ir-riskji finanzjarji jistgħu jiġu kkwantifikati bl-użu ta' kejl differenti tar-riskju. Sabiex jiġu kkalkulati dawn ir-riskji, il-BĊE japplika teknika tal-kalkolu tar-riskju żviluppata internament li tiddependi minn qafas konġunt ta' simulazzjoni tar-riskji tas-suq u tal-kreditu. Il-kunċetti, it-teknika u l-ipotesijiet tal-mudelli ewlenin li jiffurmaw il-bażi tal-

kejl tar-riskju jieħdu mill-istandards tas-suq.[6] Sabiex jifhem b'mod komprensiv l-avvenimenti ta' riskju li jistgħu jseħħu bi frekwenzi u livelli ta' severità differenti, il-BĊE juża żewġ tipi ta' kejl statistiku, il-Valur fir-Riskju (VaR) u n-Nuqqas Mistenni,[7] li jiġu kkalkulati fuq diversi livelli ta' kunfidenza. Barra minn hekk, l-analiżi tas-sitwazzjonijiet ta' sensittività u ta' stress tintuża biex jinftiehmu aħjar u biex jikkomplementaw il-kalkoli statistiċi tar-riskju.

Ikkalkulati bħala VaR b'livell ta' kunfidenza ta' 95% fuq perjodu ta' sena (VaR95%) fil-31 ta' Diċembru 2014, ir-riskji finanzjarji li għalihom kien espost il-BĊE permezz tal-assi finanzjarji tiegħu ammontaw għal total ta' €8.6 biljun, l-istess ammont meta jitqabbel mar-riskji aggregati kkalkulati fil-31 ta' Diċembru 2013.[8]

## 4.1.1 Riskju tal-kreditu

Il-BĊE jimmaniġġa r-riskju tal-kreditu tiegħu, li jinkludi r-riskji tal-inadempjenza u tal-migrazzjoni tal-kreditu,[9] l-iktar permezz tal-politika tiegħu dwar l-allokazzjoni tal-assi, il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-evalwazzjonijiet tad-diliġenza dovuta, is-sistemi tal-limiti tal-iskoperturi u, f'ċerti operazzjonjiet ta' kreditu, anki permezz tat-teknika tal-kollateralizzazzjoni. Il-kontrolli u l-limiti tar-riskju li juża l-BĊE biex jiddetermina l-iskopertura tiegħu għar-riskju tal-kreditu huma differenti skont it-tip ta' operazzjoni u jirriflettu l-għanijiet tal-politika jew tal-investiment tal-portafolli differenti kif ukoll il-karatteristiċi tar-riskju tal-assi ta' bażi.

L-investimenti tal-BĊE f'riżervi barranin huma suġġetti kemm għar-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu kif ukoll għar-riskju tal-migrazzjoni tal-kreditu. Madankollu, dawn ir-riskji huma minimi billi r-riżervi jiġu investiti f'assi bi kreditu ta' kwalità tajba.

L-investimenti tal-BĊE fid-deheb mhumiex suġġetti għar-riskju tal-kreditu, billi d-deheb ma jinsilifx lil terzi.

L-għan tal-portafoll tal-investimenti denominati fl-euro huwa li jipprovdi lill-BĊE bi dħul biex jgħinu jkopri l-ispejjeż operattivi tiegħu filwaqt li jikkonserva l-kapital investit. Għalhekk, il-kunsiderazzjonijiet tad-dħul għandhom sehem relattivament ikbar fl-allokazzjoni tal-assi u fil-qafas tal-kontroll tar-riskju għal dawn l-investimenti milli

6 Il-probabbiltajiet tal-inadempjenza u tal-migrazzjoni tal-klassifikazzjoni jiġu minn studji tranżitorji dwar l-inadempjenza u l-klassifikazzjoni ppubblikati mill-aġenziji l-kbar tal-klassifikazzjoni. Il-volatilitajiet, il-korrelazzjonijiet u, b'mod aktar ġenerali, il-ko-moviment tal-fatturi varjabbli tar-riskji tal-kreditu u tas-suq huma mmudellati permezz ta' metodu kopulari b'ħafna fatturi, ikkalibrat abbażi ta' dejta storika.

7 Il-Valur fir-Riskju (VaR) huwa ddefinit bħala l-limitu massimu ta' telf potenzjali għall-portafoll tal-assi finanzjarji li, skont mudell statistiku, ma jinqabiżx bi probabbiltà definita (il-livell ta' fiduċja) fuq perjodu speċifiku ta' riskju. In-Nuqqas Mistenni huwa kejl koerenti ta' riskju li huwa aktar konservattiv mill-VaR meta jintuża l-istess perjodu u l-istess livell ta' fiduċja, billi jkejjel it-telf medju ppeżat bil-probabbiltà li jista' jseħħ fl-agħar sitwazzjonijiet li jaqbżu l-limitu tal-VaR. F'dan ir-rigward, it-telf huwa ddefinit bħala d-differenza bejn il-valur nett tal-portafolli tal-BĊE kif jidher fil-karta tal-bilanċ fil-bidu tal-perjodu speċifiku, imqabbla mal-valuri simulati fi tmiem l-istess perjodu.

8 Il-kalkoli tar-riskji pprovduti f'dan ir-rapport amministrattiv saru bl-użu ta' sett konsistenti ta' metodoloġiji u ipotesijiet għall-iskoperturi mkejlin fil-31 ta' Diċembru 2013 u l-31 ta' Diċembru 2014.

9 Ir-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu huwa ddefinit bħala r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba "avveniment inadempjenti", li jseħħ meta obbligant (kontroparti jew emittent) ma jissodisfax l-obbligi finanzjarji tiegħu fil-ħin. Ir-riskju tal-migrazzjoni tal-kreditu huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba l-ipprezzar mill-ġdid ta' assi finanzjarji minħabba li l-kwalità u l-klassifikazzjoni ta' kreditu tagħhom tkun marret għall-agħar.

għar-riżervi barranin tal-BĊE. Minkejja dan, ir-riskju tal-kreditu fir-rigward ta' dawn l-investimenti xorta jinżamm f'livelli moderati.

It-titoli akkwistati għall-għanijiet tal-politika monetarja fl-ambitu tas-CBPP, l-SMP u l-ABSPP jiġu vvalutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment u għalhekk ma jiġux rivalutati bil-prezzijiet tas-suq. Għaldaqstant, ir-riskju tal-migrazzjoni tal-kreditu assoċjat ma' dawn l-iskoperturi ma jaffettwax direttament il-kontijiet finanzjarji tal-BĊE. Madankollu, dawn it-titoli jistgħu jkunu suġġetti għar-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu, u deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tagħhom jista' jaffettwa l-kontijiet finanzjarji tal-BĊE permezz tal-proċess regolari tal-analiżi u l-għarfien tal-indebolimenti. Fil-każ tal-SMP, il-profil tar-riskju tal-kreditu jiġi stabbilit bl-allokazzjoni tax-xiri li jkun sar fl-imgħoddi fil-pajjiżi kollha, minħabba kunsiderazzjonijiet tal-politika monetarja. Fil-każ tat-tliet portafolli tas-CBPP, ir-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu jinżamm f'livelli moderati permezz tal-politika tal-allokazzjoni tal-assi, il-limiti tal-iskopertura u l-oqfsa tal-eliġibbiltà, li jirriżultaw f'portafoll diversifikat ta' bonds garantiti bi kwalità tajba ta' kreditu. Ir-riskju tal-inadempjenza tal-kreditu assoċjat mal-ABSPP huwa mmaniġġat permezz ta' proċess komprensiv ta' diliġenza dovuta li jikkomplementa l-kriterji ta' eliġibbiltà applikati, biex jiġi żgurat li jinxtraw biss titoli koperti b'assi li jkunu ta' kwalità tajba, sempliċi u trasparenti. Il-livell tar-riskju tal-kreditu li jirriżulta u li huwa assoċjat mat-titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja huwa fil-livelli ta' tolleranza tal-BĊE.

### 4.1.2 Riskju tas-suq[10]

It-tipi ewlenin ta' riskju tas-suq li għalihom huwa suġġett il-BĊE fil-ġestjoni tal-investimenti tiegħu huma r-riskji tal-munita u tal-prodotti bażiċi (il-prezz tad-deheb).[11] Il-BĊE huwa espost ukoll għar-riskju tar-rata tal-imgħax.[12]

#### Riskji tal-munita u tal-prodotti bażiċi

Il-BĊE huwa espost għal riskji tal-munita u riskji tal-prodotti bażiċi dovuti għall-investimenti tiegħu f'riżervi barranin u deheb. Minħabba d-daqs tal-iskopertura tiegħu u l-volatilità tar-rati tal-kambju u l-prezz tad-deheb, ir-riskji tal-munita u tal-prodotti bażiċi jiddominaw il-profil tar-riskju finanzjarju tal-BĊE.

Minħabba s-sehem tad-deheb u r-riżervi barranin fil-politika li jħaddem, il-BĊE ma jippruvax jelimina r-riskji tal-munita u tal-prodotti bażiċi. Dawn ir-riskji fil-biċċa l-kbira jittaffew bid-diversifikazzjoni tal-investimenti f'muniti differenti u f'deheb, għalkemm l-

---

10 Ir-riskju tas-suq huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba ċaqliq fil-prezzijiet tas-suq u r-rati tal-imgħax li ma jkunx relatat ma' avvenimenti tal-kreditu.

11 Ir-riskju tal-munita huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minn pożizzjonijiet denominati f'munita barranija, minħabba ċaqliq fir-rati tal-kambju. Ir-riskju tal-prodotti bażiċi huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minn investimenti fi prodotti bażiċi, minħabba ċaqliq fil-prezzijiet tagħhom tas-suq.

12 Ir-riskju tar-rata tal-imgħax huwa ddefinit bħala r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba tnaqqis fil-valutazzjoni skont is-suq fil-valur ta' strumenti finanzjarji minħabba tibdil negattiv fir-rati tal-imgħax applikabbli (rendimenti).

allokazzjoni tal-assi ssir primarjament skont il-ħtieġa potenzjali tal-interventi marbutin mal-politika.

Il-kontribut tar-riskji tal-munita u tal-prodotti bażiċi jiddomina l-profil tar-riskju totali tal-BĊE. Il-parti l-kbira tar-riskji toriġina mill-volatilità tal-prezz tad-deheb u tar-rata tal-kambju tad-dollaru Amerikan. Bi qbil mar-regoli tal-Eurosistema, il-kontijiet ta' rivalutazzjoni tad-deheb u tad-dollaru Amerikan, li ammontaw għal €12.1 biljun (2013: €10.1 biljun) u €6.2 biljun (2013: €1.7 biljun) rispettivament fil-31 ta' Diċembru 2014, jistgħu jintużaw biex jassorbu l-impatt ta' ċaqliq sfavorevoli fil-prezzijiet tal-assi ta' bażi fil-futur u b'hekk itaffu jekk mhux ukoll jevitaw kwalunkwe impatt fuq il-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE.

### Riskju tar-rata tal-imgħax

It-titoli akkwistati fl-ambitu tat-tliet CBPPs, l-SMP u l-ABSPP jiġu vvalutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment u għalhekk ma jiġux rivalutati bil-prezzijiet tas-suq. Għaldaqstant mhumiex esposti direttament għar-riskju tar-rata tal-imgħax.

Għall-kuntrarju, il-parti l-kbira tar-riżervi barranin tal-BĊE u tal-portafolli tal-investimenti tiegħu denominati fl-euro hija investita f'titoli bi dħul fiss li jiġu rivalutati bil-prezzijiet tas-suq u għalhekk huma esposti għar-riskju tar-rata tal-imgħax. Ir-riskju tar-rata tal-imgħax ta' dawn il-portafolli jiġi amministrat permezz tal-politika tal-allokazzjoni tal-assi u l-limitazzjoni tar-riskju tas-suq li flimkien jiżguraw li r-riskju tas-suq jibqa' f'livelli li jirriflettu l-preferenzi tal-BĊE tar-redditu u r-riskju għall-portafolli differenti. Meta jitfissru f'termini ta' tul ta' żmien modifikat[13] tal-portafolli bi dħul fiss, il-preferenzi tar-redditu u r-riskju jirriżultaw fi żmien immodifikat itwal għall-portafoll tal-investimenti denominati fl-euro milli għall-investimenti f'riżervi barranin.

Ir-riskju tar-rata tal-imgħax li għalih huwa espost il-BĊE huwa limitat u baqa' ġeneralment stabbli f'livelli baxxi matul l-2014.

## 4.1.3 Riskju tal-likwidità

Minħabba s-sehem tal-euro bħala munita ewlenija ta' riżerva, is-sehem tal-BĊE bħala bank ċentrali u l-istruttura tiegħu tal-assi u l-obbligazzjonijiet, l-uniku riskju sinifikanti tal-likwidità li huwa suġġett għalih il-BĊE huwa r-riskju ta' tiġrib ta' telf finanzjarju minħabba li ma jkunx jista' jillikwida l-assi bil-valur tas-suq prevalenti f'perjodu xieraq ta' żmien. F'dan ir-rigward, minħabba l-istabbiltà tal-portafolli tal-BĊE u l-għanijiet distinti tagħhom, l-iskopertura ewlenija tal-BĊE għar-riskju tal-likwidità toriġina mir-riżervi barranin tiegħu, billi, biex isiru interventi fil-kambju, jista' jkun li ammonti kbar minn dawn l-investimenti jkunu jridu jiġu likwidati f'perjodi qosra ta' żmien.

Ir-riskju tal-likwidità fir-rigward tar-riżervi barranin tal-BĊE huwa mmaniġġat billi jiġu stabbiliti allokazzjoni u limitazzjoni tal-assi li jiżguraw li sehem kbir biżżejjed mill-

[13] It-tul ta' żmien modifikat huwa kejl tas-sensittività tal-valur tal-portafolli għal ċaqliq parallel fil-kurvi tar-rendiment.

investimenti tal-BĊE jiġi investit f'assi li jistgħu jiġu likwidati malajr b'impatt negliġibbli fuq il-prezz.

Il-profil tar-riskju tal-likwidità tal-portafolli tal-BĊE baqa' ġeneralment stabbli fl-2014.

### 4.2 Riskju operattiv

Fi ħdan il-BĊE, ir-riskju operattiv huwa ddefinit bħala r-riskju ta' impatt negattiv finanzjarju, tan-negozju jew ta' reputazzjoni li jirriżulta min-nies,[14] mill-implimentazzjoni inadegwata jew mill-falliment tal-proċessi ta' governanza interna u tan-negozju, mill-falliment tas-sistemi li jiddependu minnhom dawn il-proċessi, jew minn avvenimenti esterni (e.g. diżastri naturali jew attakki esterni). L-għanijiet ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju operattiv (ORM) fil-BĊE huma (a) li tagħti kontribut biex tiżgura li l-BĊE jilħaq il-missjoni u l-għanijiet tiegħu, u (b) li tipproteġi r-reputazzjoni tal-BĊE u assi oħrajn mit-telf, l-użu ħażin u l-ħsara.

Taħt il-qafas tal-ORM, kull qasam tax-xogħol huwa responsabbli biex jidentifika, jevalwa, jirreaġixxi għal, jirrapporta u jissorvelja r-riskji operattivi tiegħu. F'dan ir-rigward, il-politika tal-BĊE dwar it-tolleranza tar-riskju tipprovdi gwida fir-rigward tal-istrateġiji ta' reazzjoni kontra r-riskju u l-proċeduri tal-aċċettazzjoni tar-riskju. Il-politika tintrabat ma' matriċi ta' riskju bbażata fuq l-iskali ta' gradazzjoni tal-BĊE għall-impatt u l-probabbiltà (li japplikaw kriterji kwantitattivi u kwalitattivi).

Il-funzjoni tal-ORM/BCM hija responsabbli għaż-żamma tal-oqfsa tal-ORM u tal-ġestjoni tal-kontinwità tax-xogħol (BCM) u għall-għoti ta' assistenza metodoloġika fir-rigward tal-attivitajiet tal-ORM u l-BCM lis-sidien tar-riskju. Barra minn hekk, tipprovdi rapporti annwali u *ad hoc* dwar ir-riskji operattivi lill-Kumitat għar-Riskju Operattiv u lill-Bord Eżekuttiv u tappoġġa lill-korpi deċiżjonali fis-sorveljanza tal-ġestjoni tar-riskji operattivi tal-BĊE. Tikkoordina u timplimenta l-programm tal-BCM billi tagħmel testijiet u analiżi regolari tal-arranġamenti għall-kontinwità tax-xogħol fl-operazzjonijiet kritiċi tal-BĊE, u ssostni lit-Tim tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet, l-istrutturi ta' appoġġ u l-oqsma tax-xogħol tiegħu fil-każ ta' interruzzjonijiet serji fix-xogħol.

## 5 Riżorsi finanzjarji

### 5.1 Kapital

Billi l-Latvja adottat il-munita unika fl-1 ta' Jannar 2014, Latvijas Banka ħallas ammont ta' €29.4 miljun f'dik id-data. Minħabba dan il-pagament kif ukoll minħabba l-aġġustament tal-piżijiet tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital tal-BĊE, il-kapital imħallas tal-BĊE ammonta għal €7,697 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014. Tagħrif dettaljat dwar il-kapital tal-BĊE jinsab fin-nota 16.1 "Kapital" fil-Kontijiet Annwali.

---

[14] Il-kelma "nies" qiegħda tintuża f'sens wiesa' u tinkludi kwalunkwe impatt negattiv li jirriżulta minn azzjonijiet tal-impjegati, kif ukoll minn riżorsi defiċjenti fl-istaff u mill-politika li tirrigwarda l-istaff.

## 5.2 Provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb

Minħabba l-iskopertura konsiderevoli tal-BĊE għar-riskji finanzjarji msemmija fit-Taqsima 4, il-BĊE jżomm provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb. Id-daqs u r-rekwiżit kontinwu ta' dan il-provediment jiġu riveduti kull sena, filwaqt li titqies firxa ta' fatturi, fosthom, b'mod partikolari, il-livell tal-investimenti f'assi li fihom riskju, il-kobor tal-iskoperturi għar-riskju li seħħew fis-sena finanzjarja kurrenti, ir-riżultati mbassrin għas-sena d-dieħla u evalwazzjoni tar-riskju li tinvolvi l-kalkoli tal-Valuri f'Riskju (VaR) fuq assi li fihom riskju, li tiġi applikata b'mod konsistenti tul iż-żmien. Il-provediment għar-riskju, flimkien mal-ammonti miżmumin fil-fond ġenerali tar-riżervi tal-BĊE, m'għandux jaqbeż il-valur tal-kapital imħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

Fil-31 ta' Diċembru 2013 il-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb kien ta' €7,530 miljun. Latvijas Banka kkontribwixxa ammont ta' €30.5 miljun b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Wara li qies ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jżid il-provediment għar-riskju għal €7,575 miljun fil-31 ta' Diċembru 2014. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għall-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fil-31 ta' Diċembru 2014.

## 5.3 Kontijiet ta' rivalutazzjoni

Il-qligħ mhux realizzat mid-deheb, mill-muniti barranin u mit-titoli, bl-eċċezzjoni ta' dak ivvalutat b'kost amortizzat, mhuwiex rikonoxxut bħala dħul fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf iżda jiġi ttrasferit direttament fil-kontijiet ta' rivalutazzjoni fuq in-naħa tal-passiv tal-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE. Dawn il-bilanċi jistgħu jintużaw biex jassorbu l-impatt ta' ċaqliq sfavorevoli fil-prezzijiet u/jew fir-rati tal-kambju fil-futur, u għalhekk jikkostitwixxu bafer finanzjarju li jsaħħaħ ir-reżistenza tal-BĊE għar-riskji ta' bażi.

L-ammont totali tal-kontijiet ta' rivalutazzjoni għad-deheb, il-muniti barranin u t-titoli fi tmiem Diċembru 2014 kien ta' €20.2 biljun.[15] Għal aktar tagħrif ara n-noti dwar il-politika tal-kontabilità u n-nota 15 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni" fin-noti tal-Karta tal-Bilanċ.

---

15 Barra dan, il-partita tal-karta tal-bilanċ "Kontijiet ta' rivalutazzjoni" tinkludi wkoll il-kalkoli ġodda fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg.

# 6 Impatt tal-attivitajiet ewlenin fuq ir-rendikonti finanzjarji

It-tabella ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-operazzjonijiet u l-funzjonijiet ewlenin tal-BĊE biex jasal għall-mandat tiegħu u l-impatt tagħhom fuq ir-rendikonti finanzjarji tal-bank.

| Operazzjoni/Funzjoni | Impatt fuq il-Kontijiet Annwali tal-BĊE |
|---|---|
| Operazzjonijiet tal-politika monetarja | L-operazzjonijiet standard tal-politika monetarja jiġu implimentati b'mod deċentralizzat mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema. Għalhekk, dawn l-operazzjonijiet m'għandhomx impatt dirett fuq il-Kontijiet Annwali tal-BĊE. |
| Titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja (CBPPs, SMP u ABSPP) | It-titoli mixtrijin mill-BĊE jidħlu fil-kontijiet fil-partita "Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja". L-investimenti f'dawn il-portafolli jidħlu fil-kontijiet b'kost amortizzat u jsir test għall-indeboliment tal-inqas darba fis-sena. Id-dovuti mill-kupuni u l-amortizzament ta' skontijiet/primjums huma inklużi fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf.[16] |
| Attivitajiet ta' investiment (ġestjoni tar-riżervi barranin u l-fondi proprji) | Ir-riżervi barranin tal-BĊE jidħlu fil-karta tal-bilanċ[17] jew jiġu riflessi f'kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ sad-data meta jiġu konklużi.<br>Il-portafoll tal-fondi proprji tal-BĊE jidħol fil-karta tal-bilanċ, l-aktar fil-partita "Assi finanzjarji oħra".<br>Id-dħul nett mill-imgħax, li jinkludi d-dovuti mill-kupuni u l-amortizzament ta' skontijiet/primjums, jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf.[18] It-telf mhux realizzat mill-prezzijiet u r-rata tal-kambju, kif ukoll il-qligħ u t-telf realizzati mill-bejgħ ta' titoli, jidħlu wkoll fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf[19] filwaqt li l-qligħ mhux realizzat jidħol fil-karta tal-bilanċ fil-partita "Kontijiet ta' rivalutazzjoni". |
| Sistemi ta' ħlas (TARGET2) | Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE minn TARGET2 jidħlu fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE bħala pożizzjoni waħda netta tal-attiv jew tal-passiv. Ir-remunerazzjoni ta' dawn il-bilanċi tidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partiti "Dħul ieħor mill-imgħax" u "Spejjeż oħra tal-imgħax". |
| Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | Il-BĊE ġie allokat sehem ta' 8% mill-valur totali tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni. Dan is-sehem huwa kopert bi klejms mal-banek ċentrali nazjonali, b'imgħax skont ir-rata tal-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament. Dan l-imgħax jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partita "Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema".<br>L-ispejjeż tal-ġarr transkonfinali ta' karti tal-euro bejn l-istamperiji tal-karti tal-flus u l-banek ċentrali nazzjonali għall-kunsinna ta' karti tal-flus ġodda, u bejn il-banek ċentrali nazzjonali għal ħażniet żejda biex jagħmlu tajjeb għal nuqqas ta' provvista jiġġarrbu ċentralment mill-BĊE. Dawn l-ispejjeż jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-intestatura "Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus". |
| Superviżjoni bankarja | L-ispejjeż annwali tal-BĊE marbutin mal-kompiti superviżorji tiegħu jiġu rkuprati permezz tat-tariffa superviżorja annwali imposta fuq l-entitajiet suġġetti għas-superviżjoni. Sa mill-bidu ta' Novembru 2014, it-tariffi superviżorji bdew jidħlu bħala dovuti fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-intestatura "Dħul nett minn tariffi u kummissjonijiet". |

16 Fil-partiti "Dħul ieħor mill-imgħax" u "Spejjeż oħra tal-imgħax".

17 L-aktar fil-partiti "Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb", "Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija", "Klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija" u "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija".

18 Id-dħul li għandu x'jaqsam mar-riżervi barranin tal-BĊE jidher fil-partita "Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin", filwaqt li d-dħul u l-ispejjeż tal-imgħax fuq il-fondi proprji jiġu riflessi fil-partiti "Dħul ieħor mill-imgħax" u "Spejjeż oħra tal-imgħax".

19 Fil-partiti "Valutazzjoni negattiva fuq assi u pożizzjonijiet finanzjarji" u "Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji".

# 7 Riżultat finanzjarju għall-2014

Fl-2014 il-qligħ nett tal-BĊE kien ta' €989 miljun (2013: €1,440 miljun) wara t-trasferiment ta' €15-il miljun (2013: €0.4 miljun) fil-provediment għar-riskju.

Tabella 1 tirrappreżenta l-komponenti tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fl-2014 imqabblin mal-2013.

**Tabella 1**

Analiżi tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fl-2014 u l-2013

(miljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

## Punti ewlenin

- Fl-2014 id-dħul nett mill-imgħax naqas għal €1,536 miljun, imqabbel ma' €2,005 miljun fl-2013 l-aktar minħabba (a) dħul mill-imgħax iktar baxx fuq is-sehem tal-BĊE mit-total ta' karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni dovut għar-rata medja aktar baxxa fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament fl-2014; u (b) tnaqqis fid-dħul mill-imgħax iġġenerat fuq it-titoli mixtrijin fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli u l-ewwel u t-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti minħabba titoli li mmaturaw. L-effetti ta' dawn l-iżviluppi ġew parzjalment paċuti bl-ispiża tal-imgħax iktar baxxa mill-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tal-assi f'riżervi barranin ittrasferiti minnhom lill-BĊE.

- Fl-2014 iż-żieda totali fil-valur tas-suq tat-titoli miżmumin fil-portafolli tad-dollaru Amerikan u tal-fondi proprji wasslet għal valutazzjoni negattiva sostanzjalment aktar baxxa f'dik is-sena, li tammonta għal €8 miljun (2013: €115-il miljun).

- L-ispejjeż amministrattivi totali tal-BĊE, inkluż id-deprezzament, ammontaw għal €677 miljun fl-2014, imqabblin ma' €527 miljun fl-2013. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għall-ispejjeż imġarrbin fir-rigward tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż imġarrbin fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid tal-BĊE ġew ikkapitalizzati u huma esklużi minn din il-partita.

- F'Novembru 2014 il-BĊE beda jopera mill-bini l-ġdid tiegħu. Għalhekk in-nefqa kapitalizzata mġarrba sa dakinhar ġiet ittrasferita mill-partita "Assi li qegħdin jinbnew" għall-intestaturi xierqa tal-assi. Id-deprezzament beda f'Jannar 2015, skont il-politika tal-BĊE dwar id-deprezzament.

- Bidla fil-politika tal-kontabilità: kif jidher fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità, it-trattament tat-titoli miżmumin attwalment għall-għanijiet tal-politika monetarja ġie mmodifikat. Dawn it-titoli issa qegħdin jidħlu fil-kontijiet b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment irrispettivament irrispettivament minn jekk jinżammux sal-maturità jew le. Din il-bidla ma kellha l-ebda impatt fuq ir-riżultat finanzjarju tal-BĊE.

## 8 Żviluppi fit-tul fir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE

It-Tabelli 2 u 3 juru l-evoluzzjoni tal-Karta tal-Bilanċ u l-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE, kif ukoll tal-komponenti tagħhom għall-perjodu 2008–14.

**Tabella 2**
Evoluzzjoni tal-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE fil-perjodu 2008–14

(biljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

**Tabella 3**

Evoluzzjoni tal-Kont tal-Qligħ u t-Telf tal-BĊE fil-perjodu 2008–14

(biljuni ta' EUR)




Sors: BĊE

Il-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE ċkienet b'mod sinifikanti mill-2008 'l hawn. It-titjib fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament bid-dollaru Amerikan għall-kontropartijiet tal-Eurosistema wassal għal tnaqqis gradwali fl-operazzjonijiet offruti mill-Eurosistema għall-provediment ta' likwidità bid-dollaru Amerikan. It-tnaqqis konkomitanti fil-klejms tal-BĊE fi ħdan l-Eurosistema u fl-obbligazzjonijiet tiegħu denominati fl-euro kien il-fattur ewlieni tat-tnaqqis globali fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE f'dan il-perjodu. Dan it-tnaqqis ġie paċut parzjalment biss (a) biż-żieda ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni; (b) bix-xiri ta' titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja u (c) biż-żieda fl-ekwità netta, li tikkonsisti fil-kapital tal-BĊE, il-provediment ġenerali tiegħu għar-riskju u l-kontijiet ta' rivalutazzjoni.

Id-daqs tal-qligħ nett tal-BĊE fl-istess perjodu ġie effettwat minn dawn il-fatturi:

- Ir-rata fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament naqset, u dan naqqas b'mod sinifikanti d-dħul mid-drittijiet tal-munita għall-BĊE. Ir-rata medja tal-MROs għall-2014 kienet 0.16% imqabbla ma' 4% għall-2008 u b'hekk id-dħul mill-imgħax fuq il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni niżel minn €2.2 biljun fl-2008 għal €0.1 biljun fl-2014.

- L-ammont ta' €3.6 biljun ġie ttrasferit fil-provediment ġenerali għar-riskju biex jagħmel tajjeb għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb. L-ammonti ttrasferiti f'dan il-provediment naqqsu l-qligħ rappurtat b'ammont ekwivalenti.

- Id-dħul mill-assi f'riżervi barranin naqas gradwalment, l-aktar minħabba t-tnaqqis fir-rendimenti mid-dollaru Amerikan u t-tnaqqis li rriżulta fid-dħul mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tad-dollaru Amerikan. Id-dħul nett mill-imgħax fuq l-assi

f'riżervi barranin ammonta għal €0.2 biljun fl-2014, imqabbel ma' €1.0 biljun fl-2008.

- Ix-xiri ta' titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja fir-rigward tal-portafolli tal-SMP u s-CBPP iġġenera medja ta' 55% tad-dħul globali nett tal-BĊE mill-imgħax f'dawn l-aħħar ħames snin.

# Rendikonti finanzjarji tal-BĊE

## Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2014

| ATTIV | Numru tan-nota | 2014 € | 2013 € |
|---|---|---|---|
| **Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** | 1 | **15,980,317,601** | **14,063,991,807** |
| **Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija** | 2 | | |
| Ammonti riċevibbli mill-FMI | 2.1 | 669,336,060 | 627,152,259 |
| Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra | 2.2 | 43,730,904,005 | 38,764,255,039 |
| | | **44,400,240,065** | **39,391,407,298** |
| **Klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija** | 2.2 | **1,783,727,949** | **1,270,792,764** |
| **Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro** | 3 | | |
| Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self | 3.1 | **0** | **535,000,000** |
| **Klejms oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati fl-euro** | 4 | **2,120,620** | **9,487** |
| **Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati fl-euro** | 5 | | |
| Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja | 5.1 | **17,787,948,367** | **18,159,937,704** |
| **Klejms fi ħdan l-Eurosistema** | 6 | | |
| Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema | 6.1 | **81,322,848,550** | **76,495,146,585** |
| **Assi oħra** | 7 | | |
| Assi fissi tanġibbli u intanġibbli | 7.1 | 1,249,596,659 | 971,175,790 |
| Assi finanzjarji oħra | 7.2 | 20,626,359,858 | 20,466,245,900 |
| Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ | 7.3 | 319,624,726 | 104,707,529 |
| Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem | 7.4 | 725,224,031 | 977,552,068 |
| Varji | 7.5 | 1,092,627,246 | 1,739,308,724 |
| | | **24,013,432,520** | **24,258,990,011** |
| **Attiv totali** | | **185,290,635,672** | **174,175,275,656** |

| PASSIV | Numru tan-nota | 2014 € | 2013 € |
|---|---|---|---|
| **Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** | 8 | **81,322,848,550** | **76,495,146,585** |
| **Obbligazzjonijiet ma' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati fl-euro** | 9 | | |
| Obbligazzjonijiet oħra | 9.1 | **1,020,000,000** | **1,054,000,000** |
| **Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro** | 10 | **900,216,447** | **24,765,513,795** |
| **Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija** | 11 | | |
| Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra | 11.1 | **458,168,063** | **18,478,777** |
| **Obbligazzjonijiet fi ħdan l-Eurosistema** | 12 | | |
| Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | 12.1 | 40,553,154,708 | 40,309,644,425 |
| Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti) | 12.2 | 23,579,372,965 | 119,857,494 |
| | | **64,132,527,673** | **40,429,501,919** |
| **Obbligazzjonijiet oħra** | 13 | | |
| Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ | 13.1 | 178,633,615 | 185,010,549 |
| Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem | 13.2 | 96,191,651 | 370,542,207 |
| Varji | 13.3 | 869,549,503 | 786,331,706 |
| | | **1,144,374,769** | **1,341,884,462** |
| **Provedimenti** | 14 | **7,688,997,634** | **7,619,546,534** |
| **Kontijiet ta' rivalutazzjoni** | 15 | **19,937,644,696** | **13,358,190,073** |
| **Kapital u riżervi** | 16 | | |
| Kapital | 16.1 | **7,697,025,340** | **7,653,244,411** |
| **Qligħ għas-sena** | | **988,832,500** | **1,439,769,100** |
| **Passiv totali** | | **185,290,635,672** | **174,175,275,656** |

# Kont tal-Qligħ u t-Telf għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014

| | Numru tan-nota | 2014 € | 2013 € |
|---|---|---|---|
| Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin | 24.1 | 217,003,159 | 187,279,973 |
| Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema | 24.2 | 125,806,228 | 406,310,130 |
| Dħul ieħor mill-imgħax | 24.4 | 2,512,243,088 | 6,477,297,658 |
| *Dħul mill-imgħax* | | *2,855,052,475* | *7,070,887,761* |
| Remunerazzjoni tal-klejms tal-bank ċentrali nazzjonali fir-rigward tar-riżervi barranin ittrasferiti | 24.3 | (57,015,146) | (192,248,631) |
| Spiża oħra tal-imgħax | 24.4 | (1,262,336,836) | (4,873,777,652) |
| *Spiża tal-imgħax* | | *(1,319,351,982)* | *(5,066,026,283)* |
| **Dħul nett mill-imgħax** | 24 | **1,535,700,493** | **2,004,861,478** |
| Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji | 25 | 57,260,415 | 52,122,402 |
| Valutazzjoni negattiva fuq assi u pożizzjonijiet finanzjarji | 26 | (7,863,293) | (114,607,365) |
| Trasferiment lil/minn provedimenti għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb | | (15,009,843) | (386,953) |
| **Riżultat nett ta' operazzjonijiet finanzjarji, valutazzjoni negattiva u provedimenti għar-riskju** | | **34,387,279** | **(62,871,916)** |
| **Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet** | 27, 28 | **28,158,654** | **(2,126,773)** |
| **Dħul mill-ishma u l-parteċipazzjoni azzjonarja** | 29 | **780,935** | **1,168,907** |
| **Dħul ieħor** | 30 | **67,253,502** | **26,107,807** |
| **Dħul nett totali** | | **1,666,280,863** | **1,967,139,503** |
| Spejjeż tal-istaff | 31 | (301,142,390) | (240,523,980) |
| Spejjeż amministrattivi | 32 | (353,579,537) | (268,183,737) |
| Deprezzament tal-assi fissi tanġibbli u intanġibbli | | (15,312,728) | (10,468,686) |
| Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus | 33 | (7,413,708) | (8,194,000) |
| **Qligħ għas-sena** | | **988,832,500** | **1,439,769,100** |

*Frankfurt am Main, 10 ta' Frar 2015*

BANK ĊENTRALI EWROPEW

Mario Draghi
*President*

# Politika tal-kontabilità[1]

## Forma u preżentazzjoni tar-rendikonti finanzjarji

Ir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE tfasslu biex jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tal-BĊE u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu. Inħadmu skont il-politika tal-kontabilità mfissra hawn taħt,[2] li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jqis li hija xierqa għan-natura tal-attività ta' bank ċentrali.

## Prinċipji tal-kontabilità

Ġew applikati l-prinċipji ta' kontabilità li ġejjin: ir-realtà u t-trasparenza ekonomika, il-prudenza, l-għarfien ta' ġrajjiet *post* karta tal-bilanċ, il-materjalità, in-negozju avvjat, il-prinċipju tad-dovuti, il-konsistenza u l-komparabbiltà.

## Għarfien tal-assi u l-obbligazzjonijiet

L-assi jew l-obbligazzjonijiet jidhru fil-Karta tal-Bilanċ biss meta x'aktarx li kull benefiċċju ekonomiku futur marbut magħhom jgħaddi għal għand, jew mingħand, il-BĊE, meta r-riskji u l-gwadanji sostanzjalment kollha assoċjati magħhom ikunu ġew ittrasferiti lill-BĊE, u meta l-prezz jew il-valur tal-assi jew l-ammont tal-obbligazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu kkalkulati b'mod affidabbli.

## Bażi tal-kontabilità

Il-kontijiet tħejjew abbażi tal-kost storiku, immodifikat biex jinkludi l-valutazzjoni tas-suq tat-titoli negozjabbli (barra dawk miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja), tad-deheb u tal-assi u l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha inklużi fil-karta tal-bilanċ u esklużi minnha denominati f'munita barranija. It-tranżazzjonijiet fl-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji jidhru fil-kontijiet bid-data meta jkunu ġew konklużi.

Bl-eċċezzjoni tat-tranżazzjonijiet *spot* f'titoli, it-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji denominati f'munita barranija jidhlu fil-kontijiet esklużi mill-karta tal-bilanċ bid-data ta' meta jkunu saru. Fid-data tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni, l-entrati esklużi mill-karta tal-bilanċ jiġu rriversjati u t-tranżazzjonijiet jiddaħħlu fil-karta tal-bilanċ. Ix-xiri u l-bejgħ ta' munita barranija jaffettwaw il-pożizzjoni netta f'munita barranija fid-data ta' meta jkunu saru, u r-riżultati realizzati mill-bejgħ jiġu kkalkulati f'din id-data wkoll. L-imgħax, il-primjums u l-iskonti dovuti relatati mal-istrumenti finanzjarji denominati f'munita

---

1 Il-politika dettaljata tal-kontabilità tal-BĊE hija stipulata fid-Deċiżjoni BĊE/2010/21 tal-11 ta' Novembru 2010, ĠU L 35, 9.2.2011, p. 1. Din id-Deċiżjoni ġiet emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni BĊE/2014/55 tal-15 ta' Diċembru 2014, li għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2 Din il-politika hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26.4 tal-Istatut tas-SEBĊ, li jitolbu approċċ armonizzat għar-regoli tar-rappurtar kontabilistiku u finanzjarju tal-operazzjonijiet tal-Eurosistema.

barranija jiġu kkalkulati u jidħlu fil-kontijiet kuljum, u l-pożizzjoni f'munita barranija wkoll tiġi affettwata kuljum minn dawn id-dovuti.

## Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija

L-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija jinqalbu fl-euro bir-rata tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ. Id-dħul u l-ispejjeż jinqalbu bir-rata tal-kambju tad-data meta jidħlu fil-kontijiet. Ir-rivalutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-kambju, fosthom l-istrumenti inklużi fil-karta tal-bilanċ u esklużi minnha, issir għal kull munita individwali.

Ir-rivalutazzjoni bil-prezz tas-suq tal-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija tinħadem b'mod separat mir-rivalutazzjoni tar-rata tal-kambju.

Id-deheb jiġi vvalutat bil-prezz tas-suq tal-aħħar tas-sena. Ma ssir l-ebda distinzjoni bejn id-differenzi fir-rivalutazzjoni tal-prezz u tal-munita fil-każ tad-deheb. Minflok, tidħol fil-kontijiet valutazzjoni waħda għad-deheb abbażi tal-prezz f'euro għal kull uqija fina ta' deheb, li, għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014, inħadmet bir-rata tal-kambju tal-euro mad-dollaru Amerikan fil-31 ta' Dicembru 2014.

Id-dritt speċjali tal-kreditu (SDR) jiġi ddefinit f'termini ta' basket ta' muniti. Sabiex jiġu rivalutati l-investimenti tal-BĊE fi drittijiet speċjali tal-kreditu, il-valur tal-SDR ġie kkalkulat bis-somma ppeżata tar-rati tal-kambju ta' erba' muniti kbar (id-dollaru Amerikan, l-euro, il-yen Ġappuniż u l-lira sterlina) maqluba f'euro fil-31 ta' Diċembru 2014.

## Titoli

### *Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja*

Qabel l-2014 it-titoli kollha miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja kienu jiġu kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità u għalhekk kienu jiġi vvalutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment. Fl-2014 il-Kunsill Governattiv ħa d-deċiżjoni li t-titoli li bħalissa qegħdin jinżammu għall-għanijiet tal-politika monetarja se jidħlu fil-kontijiet b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment, irrispettivament minn jekk jinżammux sal-maturità jew le. Din il-bidla fil-politika tal-kontabilità ma tatx lok għal aġġustament fiċ-ċifri komparabbli għall-2013 billi t-titoli eżistenti kollha ta' dan it-tip kienu diġà vvalutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment.

### *Titoli oħra*

It-titoli negozjabbli (barra dawk miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja) u assi simili jiġu vvalutati jew bil-prezzijiet medji tas-suq jew abbażi tal-kurva tar-rendiment rilevanti fid-data tal-karta tal-bilanċ, għal kull titolu individwali. L-opzjonijiet inkorporati fit-titoli ma jiġux separati għall-għanijiet tal-valutazzjoni. Għas-sena li għalqet fil-31 ta'

Diċembru 2014, intużaw il-prezzijiet medji tas-suq tat-30 ta' Diċembru 2014. L-ishma illikwidi jiġu vvalutati bil-prezz tal-akkwist suġġett għal indeboliment.

## Għarfien tad-dħul

Id-dħul u l-ispejjeż jidhru fil-kontijiet fil-perjodu meta jidħlu jew meta jsiru.[3] Il-qligħ u t-telf realizzat li jsir mill-bejgħ ta' munita barranija, deheb u titoli jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf. Dan il-qligħ u t-telf realizzat jiġi kkalkulat b'referenza għall-prezz medju tal-assi rispettivi.

Il-qligħ mhux realizzat mhuwiex rikonoxxut bħala dħul iżda jiġi ttrasferit direttament f'kont ta' rivalutazzjoni.

It-telf mhux realizzat jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf jekk, fl-aħħar tas-sena, ikun ikbar mill-qligħ tar-rivalutazzjoni preċedenti li jkun iddaħħal fil-kont ta' rivalutazzjoni rispettiv. Dan it-telf mhux realizzat minn titolu jew munita individwali jew mid-deheb ma jiġix innettjat mal-qligħ mhux realizzat minn titoli jew muniti oħra jew mid-deheb. Fil-każ li dan it-telf mhux realizzat minn xi partita jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf, il-prezz medju ta' din il-partita jitnaqqas bir-rata tal-kambju jew bil-prezz tas-suq tal-aħħar tas-sena. It-telf mhux realizzat fuq is-*swaps* tar-rati tal-imgħax li jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-aħħar tas-sena jiġi amortizzat fis-snin ta' wara.

It-telf mill-indeboliment jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf u ma jiġix irriversjat fis-snin ta' wara ħlief jekk l-indeboliment jonqos u t-tnaqqis jista' jiġi relatat ma' ġrajja osservabbli li tiġri wara li l-indeboliment ikun iddaħħal fil-kontijiet għall-ewwel darba.

Il-primjums jew l-iskonti fuq titoli mixtrijin jiġu kkalkulati u ppreżentati bħala parti mid-dħul mill-imgħax u jiġu amortizzati fuq il-bqija tal-ħajja kuntrattwali tat-titoli.

## Tranżazzjonijiet irriversjati

It-tranżazzjonijiet irriversjati huma operazzjonijiet li bihom il-BĊE jixtri jew ibigħ assi bi ftehim ta' xiri mill-ġdid jew jagħmel operazzjonijiet ta' kreditu bil-kollateral.

Fi ftehim ta' xiri mill-ġdid, it-titoli jinbiegħu bi flus kontanti bi ftehim li jsir fl-istess ħin biex jerġgħu jinxtraw mingħand il-kontroparti bi prezz miftiehem f'data stabbilita fil-ġejjieni. Kull ftehim ta' xiri mill-ġdid jidħol fil-kontijiet bħala depożitu kkollateralizzat fuq in-naħa tal-passiv tal-Karta tal-Bilanċ. It-titoli mibjugħin bi ftehim bħal dan jibqgħu jidhru fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE.

Fi ftehim ta' xiri mill-ġdid irriversjat, it-titoli jinxtraw bi flus kontanti bi ftehim li jsir fl-istess ħin biex jerġgħu jinbiegħu lill-kontroparti bi prezz miftiehem f'data stabbilita fil-ġejjieni. Kull ftehim ta' xiri mill-ġdid irriversjat jidħol fil-kontijiet bħala self

---

3 Limitu minimu ta' €100,000 japplika għad-dovuti u l-provedimenti amministrattivi.

ikkollateralizzat fuq in-naħa tal-attiv tal-Karta tal-Bilanċ iżda ma jiġix inkluż fl-investimenti tal-BĊE f'titoli.

It-tranżazzjonijiet irriversjati (fosthom it-tranżazzjonijiet tas-self ta' titoli) li jsiru bi programm awtomatizzat ta' self ta' titoli jidħlu fil-Karta tal-Bilanċ biss meta jiġi pprovdut kollateral fi flus kontanti ddepożitati f'kont tal-BĊE. Fl-2014 il-BĊE ma rċieva ebda kollateral fi flus kontanti għal tranżazzjonijiet bħal dawn.

## Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

L-istrumenti tal-munita, jiġifieri t-tranżazzjonijiet *forward* tal-kambju, il-*forward legs* tas-*swaps* tal-kambju u strumenti oħra tal-munita li jinvolvu l-kambju minn munita għall-oħra f'data fil-ġejjieni, jiġu inklużi fil-pożizzjoni netta tal-munita barranija biex jiġi kkalkulat il-qligħ u t-telf mill-kambju.

L-istrumenti tar-rati tal-imgħax jiġu rivalutati individwalment. It-tibdil ta' kuljum fil-marġni ta' varjazzjoni tar-rata tal-imgħax ta' kuntratti *futures* miftuħin jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf. Il-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *forward* f'titoli u tas-*swaps* tar-rata tal-imgħax tinħadem b'metodi ta' valutazzjoni aċċettati b'mod ġenerali bi prezzijiet u rati osservabbli tas-suq, kif ukoll permezz ta' fatturi ta' skont mid-dati tal-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet sad-data tal-valutazzjoni tagħhom.

## Ġrajjiet *post* karta tal-bilanċ

Il-valuri tal-assi u l-obbligazzjonijiet jiġu aġġustati għal ġrajjiet li jseħħu bejn id-data tal-karta tal-bilanċ annwali u d-data meta l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-preżentazzjoni tal-Kontijiet Annwali tal-BĊE għall-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv, jekk dawn il-ġrajjiet jaffettwaw materjalment il-kundizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet fid-data tal-karta tal-bilanċ.

Ġrajjiet importanti *post* karta tal-bilanċ li ma jaffettwawx il-kundizzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet fid-data tal-karta tal-bilanċ jidhru fin-noti.

## Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema

Il-bilanċi fi ħdan is-SEBĊ jiġu primarjament mill-ħlasijiet transkonfinali fl-Unjoni Ewropea li jiġu konklużi fl-euro bi flus tal-banek ċentrali. Dawn it-tranżazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom isiru minn entitajiet privati (i.e. istituzzjonijiet ta' kreditu, korporazzjonijiet u individwi). Jiġu konklużi fit-TARGET2 (*Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer system*) u joħolqu bilanċi bilaterali fil-kontijiet tat-TARGET2 tal-banek ċentrali tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-bilanċi bilaterali jiġu nnettjati u wara jiġu assenjati kuljum lill-BĊE, biex hekk kull bank ċentrali nazzjonali jibqa' b'pożizzjoni bilaterali waħda netta *vis-à-vis* il-BĊE biss. Din il-pożizzjoni fil-kotba tal-BĊE tirrappreżenta l-klejm jew l-obbligazzjoni netta ta' kull bank ċentrali nazzjonali mal-bqija tas-SEBĊ. Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema tal-banek

ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* l-BĊE li jiġu mit-TARGET2, kif ukoll bilanċi oħra fi ħdan l-Eurosistema denominati fl-euro (e.g. it-tqassim tal-qligħ interim lill-banek ċentrali nazzjonali) jiġu ppreżentati fil-Karta tal-Bilanċ tal-BĊE bħala pożizzjoni waħda netta tal-attiv jew tal-passiv u jidhru fi "Klejms oħra fl-Eurosistema (netti)" jew "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)". Il-bilanċi fi ħdan is-SEBĊ tal-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE, li jiġu mill-parteċipazzjoni tagħhom fit-TARGET2,[4] jidhru fl-"Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro".

Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema mill-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema jidħlu bħala attiv wieħed nett fi "Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema" (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

Il-bilanċi fi ħdan l-Eurosistema mit-trasferiment tal-assi f'riżervi barranin lill-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali li jissieħbu fl-Eurosistema huma denominati fl-euro u jidħlu fl-"Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin".

## Trattament ta' assi fissi

L-assi fissi, fosthom l-assi intanġibbli, iżda bl-eċċezzjoni tal-artijiet u x-xogħlijiet tal-arti, jiġu vvalutati bil-prezz tal-akkwist li minnu jitnaqqas id-deprezzament. L-artijiet u x-xogħlijiet tal-arti jiġu vvalutati bil-prezz tal-akkwist. Għad-deprezzament tal-bini l-ġdid tal-BĊE, l-ispejjeż jiġu assenjati lill-komponenti xierqa tal-assi li jiġu deprezzati skont il-kalkolu tal-ħajja utli tagħhom. Id-deprezzament jiġi kkalkulat bil-metodu *straight-line* matul il-ħajja utli mistennija tal-assi, mit-trimestru ta' wara li l-assi jkunu disponibbli biex jintużaw. Il-ħajja utli applikata għall-kategoriji ewlenin tal-assi tidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Bini | 20, 25 jew 50 sena |
| Impjanti fil-bini | 10 jew 15-il sena |
| Tagħmir tekniku | 4, 10 jew 15-il sena |
| Kompjuters, ħardwer u softwer relatati, u vetturi bil-mutur | 4 snin |
| Għamara | 10 snin |

Il-perjodu ta' deprezzament għan-nefqa kapitalizzata fuq it-tiġdid tal-bini relatata mal-bini mikri bħalissa mill-BĊE ġie aġġustat biex jitqiesu l-ġrajjiet li jkollhom impatt fuq il-ħajja utli mistennija tal-assi affettwati.

Assi fissi li jqumu anqas minn €10,000 jiġu kkanċellati fis-sena tal-akkwist.

Assi fissi li jikkonformaw mal-kriterji ta' kapitalizzazzjoni iżda li jkunu għadhom qegħdin jinbnew jew jiġu żviluppati jidħlu fl-intestatura "Assi li qegħdin jinbnew". L-ispejjeż relatati jiġu ttrasferiti fl-intestaturi rilevanti tal-assi fissi meta l-assi jsiru disponibbli biex jintużaw.

[4] Fil-31 ta' Diċembru 2014 il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro li kienu qegħdin jipparteċipaw fit-TARGET2 kienu Българска народна банка (il-Bank Nazzjonali tal-Bulgarija), Danmarks Nationalbank, Lietuvos bankas, Narodowy Bank Polski u Banca Naţională a României.

## Skemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul

Il-BĊE jħaddem skemi ta' benefiċċji definiti għall-istaff tiegħu u għall-membri tal-Bord Eżekuttiv, kif ukoll għall-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE.

L-iskema ta' pensjoni tal-istaff hija ffinanzjata b'assi miżmumin f'fond ta' benefiċċji fit-tul għall-impjegati. Il-kontribuzzjonijiet obbligatorji li jsiru mill-BĊE u mill-membri tal-istaff huma 19.5% u 6.7% rispettivament tas-salarju bażiku u huma riflessi fl-istruttura ta' benefiċċji definiti tal-iskema. L-istaff jista' jagħti kontribuzzjonijiet supplimentari minn rajh fi struttura ta' kontribuzzjonijiet definiti li tista' tintuża biex tipprovdi benefiċċji supplimentari.[5] Dawn il-benefiċċji supplimentari jiġu kkalkulati bl-ammont tal-kontribuzzjonijiet volontarji flimkien mar-redditi mill-investiment li jiġu minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

Hemm provedimenti mhux iffinanzjati għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE. Għall-membri tal-istaff, hemm provedimenti mhux iffinanzjati għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg, barra l-pensjonijiet, u għal benefiċċji oħra fit-tul.

### *Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti*

L-obbligazzjoni li tidħol fil-Karta tal-Bilanċ fil-partita "Obbligazzjonijiet oħra" fir-rigward tal-iskemi tal-benefiċċji definiti huwa l-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti fid-data tal-karta tal-bilanċ, li minnhom jitnaqqas il-valur ġust tal-assi tal-iskema użati biex jiffinanzjaw l-obbligu.

L-obbligu tal-benefiċċji definiti jiġi kkalkulat kull sena minn attwarji indipendenti bl-użu tal-metodu tal-unità ta' kreditu prevista. Il-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti jiġi kkalkulat billi l-valutazzjoni tal-likwidità fil-ġejjieni tiġi skontata b'rata li tiġi kkalkulata b'referenza għar-rendimenti tas-suq fid-data tal-karta tal-bilanċ ta' bonds korporattivi ta' kwalità tajba denominati fl-euro li jkollhom l-istess żmien ta' maturità bħal dak tal-obbligu tal-pensjoni.

Il-qligħ u t-telf attwarjali jista' jiġi minn aġġustamenti għall-esperjenza (fejn ir-riżultati attwali jkunu differenti mit-tbassir attwarjali li jkun sar qabel) u minn tibdil fit-tbassir attwarjali.

### *Spiża netta tal-benefiċċji definiti*

L-ispiża netta tal-benefiċċji definiti tinqasam f'komponenti li jidħlu fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf u kalkoli ġodda fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg li jidħlu fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni" tal-Karta tal-Bilanċ.

[5] Il-fondi akkumulati minn membru tal-istaff permezz tal-kontribuzzjonijiet volontarji jistgħu jintużaw biex tinxtara pensjoni supplimentari fid-data tal-irtirar. Din il-pensjoni tiġi inkluża fl-obbligu tal-benefiċċji definiti minn dak il-mument 'il quddiem.

L-ammont nett li jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf jiġbor fih:

(a) l-ispiża kurrenti tas-servizz tal-benefiċċji definiti dovuti għal dik is-sena;

(b) l-imgħax nett bir-rata ta' skont fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti; u

(c) il-kalkoli ġodda fir-rigward ta' benefiċċji oħra fit-tul, fit-totalità tagħhom.

L-ammont nett li jidher fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni" jiġbor fih dan li ġej:

(a) il-qligħ u t-telf attwarjali fuq l-obbligu tal-benefiċċji definiti;

(b) ir-redditu attwali fuq l-assi tal-iskema, minbarra l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti; u

(c) kwalunkwe tibdil fl-effett tal-limitu massimu tal-assi, minbarra l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti.

Dawn l-ammonti jiġu vvalutati kull sena minn attwarji indipendenti biex jiġi stabbilit il-passiv xieraq fir-rendikonti finanzjarji.

## Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, li flimkien jagħmlu l-Eurosistema, joħorġu l-karti tal-euro.[6] It-total tal-valur tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni jiġi allokat lill-banek ċentrali tal-Eurosistema fl-aħħar jum tax-xogħol ta' kull xahar skont l-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus.[7]

Il-BĊE ġie allokat sehem ta' 8% tal-valur totali tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, li jidher fil-Karta tal-Bilanċ fil-partita tal-passiv "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni". Is-sehem tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro huwa kopert bi klejms mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn il-klejms, li jagħtu l-imgħax,[8] jidhru fis-subpartita "Klejms fi ħdan l-Eurosistema: klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema" (ara "Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). Id-dħul mill-imgħax fuq dawn il-klejms jidħol fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fil-partita "Dħul mill-imgħax tal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema".

---

6 Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (riformulazzjoni), ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26, kif emendata.

7 "Skema ta' allokazzjoni ta' karti tal-flus" tfisser il-perċentwali li jirriżultaw meta wieħed iqis is-sehem tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro u japplika l-iskema ta' kapital sottoskritt għas-sehem tal-banek ċentrali nazzjonali minn dak it-total.

8 Id-Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (riformulazzjoni), ĠU L 35, 9.2.2011, p. 17, kif emendata.

## Tqassim tal-qligħ interim

Id-dħul tal-BĊE mill-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u d-dħul mit-titoli miżmumin għall-għanijiet tal-politika monetarja (a) fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli; (b) fit-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti; u (c) fil-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi jgħaddi għand il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fis-sena finanzjarja li fiha jsir dovut. Sakemm il-Kunsill Governattiv ma jiddeċidix mod ieħor, il-BĊE jqassam dan id-dħul f'Jannar tas-sena ta' wara permezz ta' tqassim tal-qligħ interim.[9] Id-dħul jitqassam kollu sakemm il-qligħ nett tal-BĊE għal dik is-sena ma jkunx anqas mid-dħul mill-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u mit-titoli mixtrija fil-programmi msemmija aktar 'il fuq, u suġġett għal kull deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv li jagħmel trasferimenti fil-provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi wkoll li l-ispejjeż imġarrbin mill-BĊE fir-rigward tal-ħruġ u l-ġestjoni ta' karti tal-euro jinqatgħu mid-dħul li jkun sar mill-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni.

## Riklassifikazzjonijiet

L-assi fissi li jiswew anqas minn €10,000 qabel kienu jiġu kkanċellati għalkollox fis-sena tal-akkwist, u l-kost tagħhom kien jidħol fil-kontijiet fl-intestatura "Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u intanġibbli". Minħabba n-natura ta' din l-ispiża, fl-2014 il-BĊE ddeċieda li l-ammonti relatati jidħlu fl-intestatura "Spejjeż amministrattivi". L-ammonti komparabbli għall-2013 ġew aġġustati kif jidher hawn taħt:

| | Ippubblikati fl-2013<br>€ | Aġġustament minħabba riklassifikazzjoni<br>€ | Ammont ridikjarat<br>€ |
|---|---|---|---|
| Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u intanġibbli | (18,581,856) | 8,113,170 | (10,468,686) |
| Spejjeż amministrattivi | (260,070,567) | (8,113,170) | (268,183,737) |

Din ir-riklassifikazzjoni ma kellha l-ebda impatt fuq il-qligħ nett irrappurtat fl-2013.

## Affarijiet oħra

Meta jitqies is-sehem tal-BĊE bħala bank ċentrali, il-Bord Eżekuttiv jikkunsidra li l-pubblikazzjoni ta' rapport dwar il-likwidità ma tipprovdi ebda tagħrif supplimentari rilevanti għall-qarrejja tar-rendikonti finanzjarji.

Bi qbil mal-Artikolu 27 tal-Istatut tas-SEBĊ u abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea approva l-ħatra ta' *Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft* bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għal perjodu ta' ħames snin sa tmiem is-sena finanzjarja 2017.

[9] Id-Deċiżjoni BĊE/2014/57 tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar it-tqassim tal-qligħ interim tal-Bank Ċentrali Ewropew (riformulazzjoni), li għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

# Noti dwar il-Karta tal-Bilanċ

## 1 Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb

Fil-31 ta' Diċembru 2014 il-BĊE kellu 16,178,193 uqija fina ta' deheb[10] (2013: 16,142,871 uqija). Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għat-trasferiment minn Latvijas Banka lill-BĊE ta' 35,322 uqija fina ta' deheb[11] malli l-Latvja adottat il-munita unika. Madankollu, iż-żieda fil-valur ekwivalenti f'euro tal-investiment tal-BĊE fid-deheb kienet dovuta l-aktar għaż-żieda fil-prezz tad-deheb fl-2014 (ara "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità u n-nota 15 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni").

## 2 Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro u taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija

### 2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI

Dan l-attiv jirrappreżenta l-investimenti tal-BĊE fi drittijiet speċjali ta' kreditu (SDR) fil-31 ta' Diċembru 2014. Jirriżulta minn dispożizzjoni reċiproka mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ta' xiri u bejgħ ta' SDR li bih il-FMI huwa awtorizzat jiddisponi l-bejgħ jew xiri ta' SDR bl-euro, f'isem il-BĊE, fi ħdan livell minimu u livell massimu ta' investiment. Għall-għanijiet tal-kontabilità, l-SDRs jitqiesu bħala munita barranija (ara "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). Iż-żieda fil-valur ekwivalenti f'euro tal-investimenti tal-BĊE f'SDRs kienet dovuta l-aktar għall-apprezzament tal-SDR mal-euro fl-2014.

### 2.2 Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra; u klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija

Dawn iż-żewġ partiti jikkonsistu f'bilanċi ma' banek u self denominati f'munita barranija, u f'investimenti f'titoli denominati f'dollari Amerikani u yen Ġappuniżi.

| Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro | 2014 € | 2013 € | Bidla € |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti | 2,618,332,591 | 939,722,501 | 1,678,610,090 |
| Depożiti tas-suq monetarju | 1,035,952,558 | 1,001,428,468 | 34,524,090 |
| Ftehim irriversjat ta' xiri mill-ġdid | 986,131,163 | 87,738,380 | 898,392,783 |
| Investimenti f'titoli | 39,090,487,693 | 36,735,365,690 | 2,355,122,003 |
| **Total** | **43,730,904,005** | **38,764,255,039** | **4,966,648,966** |

10 Dan jikkorrispondi għal 503.2 tunnellata.

11 It-trasferiment, b'valur ekwivalenti għal €30.8 miljun, sar b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

| Klejms ma' residenti taż-żona tal-euro | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti | 4,035,172 | 4,242,115 | (206,943) |
| Depożiti tas-suq monetarju | 1,599,827,033 | 1,266,550,649 | 333,276,384 |
| Ftehim irriversjat ta' xiri mill-ġdid | 179,865,744 | 0 | 179,865,744 |
| **Total** | **1,783,727,949** | **1,270,792,764** | **512,935,185** |

Iż-żieda f'dawn il-partiti fl-2014 kienet dovuta l-aktar għall-apprezzament tad-dollaru Amerikan mal-euro.

Barra dan, meta l-Latvja adottat il-munita unika b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, Latvijas Banka ttrasferixxa assi f'riżervi barranin denominati fil-yen Ġappuniż bil-valur ta' €174.5 miljun lill-BĊE.

L-investimenti netti tal-BĊE f'munita barranija f'dollari Amerikani u yen Ġappuniżi[12] fil-31 ta' Diċembru 2014 jidhru hawn taħt:

| | 2014<br>Munita f'miljuni | 2013<br>Munita f'miljuni |
|---|---|---|
| Dollari Amerikani | 45,649 | 45,351 |
| Yen Ġappuniżi | 1,080,094 | 1,051,062 |

# 3 Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro

## 3.1 Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self

Fil-31 ta' Diċembru 2013 din il-partita kienet tikkonsisti fi klejm ma' bank ċentrali barra ż-żona tal-euro marbuta ma' ftehim dwar tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid stabbilit mal-BĊE. B'dan il-ftehim, il-bank ċentrali barra ż-żona tal-euro seta' jissellef ammonti f'euro koperti b'kollateral eliġibbli sabiex isostni l-operazzjonijiet domestiċi tiegħu għall-provediment ta' likwidità.

Ma kienx fadal klejms pendenti relatati ma' din il-partita fil-31 ta' Diċembru 2014.

# 4 Klejms oħra ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro denominati fl-euro

Fil-31 ta' Diċembru 2014 din il-partita kienet tikkonsisti f'kontijiet kurrenti ta' residenti taż-żona tal-euro.

12 Dawn l-investimenti jikkonsistu f'assi li minnhom jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet denominati fil-munita barranija partikolari li huma suġġetti għal rivalutazzjoni tal-munita barranija. Jidħlu fl-intestaturi "Klejms ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija", "Klejms ma' residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija", "Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem", "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija", "Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" (in-naħa tal-passiv) u "Dovuti u dħul miġburin bil-quddiem" u jqisu t-tranżazzjonijiet *forward* u *swap* tal-kambju li jinsabu f'partiti esklużi mill-karta tal-bilanċ. Il-qligħ fuq il-prezz ta' strumenti finanzjarji denominati f'munita barranija li jkun ġej minn rivalutazzjonijiet mhuwiex inkluż.

# 5 Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati fl-euro

## 5.1 Titoli miżmuma għall-għanijiet tal-politika monetarja

Fil-31 ta' Diċembru 2014 din il-partita kienet tikkonsisti f'titoli akkwistati mill-BĊE fl-ambitu tat-tliet programmi ta' xiri ta' bonds garantiti, il-Programm tas-Swieq tat-Titoli u l-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi.

Ix-xiri fl-ewwel programm ta' xiri ta' bonds garantiti ntemm fit-30 ta' Ġunju 2010, filwaqt li t-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti ntemm fil-31 ta' Ottubru 2012. Il-Programm tas-Swieq tat-Titoli waqaf fis-6 ta' Settembru 2012.

Fit-2 ta' Ottubru 2014 il-Kunsill Governattiv ħabbar id-dettalji operattivi tat-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti u tal-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi. Dawn il-programmi, li se jdumu mill-anqas għal sentejn, se jiffaċilitaw il-provediment ta' kreditu fl-ekonomija taż-żona tal-euro, jiġġeneraw effetti pożittivi għal swieq oħra u, b'hekk, għandhom iħaffu x-xejra tal-politika monetarja tal-BĊE. F'dawn iż-żewġ programmi, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jixtru, kemm fis-swieq primarji kif ukoll f'dawk sekondarji, bonds garantiti denominati fl-euro maħruġin fiż-żona tal-euro kif ukoll segmenti superjuri u segmenti intermedji garantiti ta' titoli koperti b'assi li huma denominati fl-euro maħruġin minn entitajiet li huma residenti fiż-żona tal-euro.

It-titoli mixtrijin fil-ħames programmi kollha huma vvalutati b'kost amortizzat suġġett għal indeboliment (ara "Titoli" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). It-testijiet għall-indeboliment isiru kull sena abbażi tal-kalkolu tal-ammonti rekuperabbli fl-aħħar tas-sena. Il-Kunsill Governattiv qies li l-indikaturi ta' indeboliment li ġew identifikati m'affettwawx il-likwidità kkalkulata għall-ġejjieni li l-BĊE qiegħed jistenna li jirċievi. Għalhekk, ma ġie rreġistrat l-ebda telf minn dawn it-titoli fl-2014.

Il-kost amortizzat ta' dawn it-titoli, kif ukoll il-valur tas-suq tagħhom[13] (li ma jidħolx fil-Karta tal-Bilanċ jew fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf iżda jingħata biss għall-finijiet ta' tqabbil), jidher hawn taħt:

| | 2014 € | | 2013 € | | Bidla € | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kost amortizzat | Valur tas-suq | Kost amortizzat | Valur tas-suq | Kost amortizzat | Valur tas-suq |
| L-ewwel programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 2,395,178,568 | 2,576,479,183 | 3,710,724,329 | 3,880,523,066 | (1,315,545,761) | (1,304,043,883) |
| It-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 1,249,397,951 | 1,367,880,767 | 1,459,074,444 | 1,559,027,391 | (209,676,493) | (191,146,624) |
| It-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti | 2,298,798,185 | 2,314,787,199 | - | - | 2,298,798,185 | 2,314,787,199 |
| Programm tas-Swieq tat-Titoli | 10,100,343,269 | 11,247,795,991 | 12,990,138,931 | 13,689,860,491 | (2,889,795,662) | (2,442,064,500) |
| Programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi | 1,744,230,394 | 1,742,441,349 | - | - | 1,744,230,394 | 1,742,441,349 |
| **Total** | **17,787,948,367** | **19,249,384,489** | **18,159,937,704** | **19,129,410,948** | **(371,989,337)** | **119,973,541** |

It-tnaqqis fil-kost amortizzat tal-portafolli miżmumin (a) fl-ewwel u t-tieni programm ta' xiri ta' bonds garantiti, u (b) fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli kien dovut għall-fidi.

13 Il-valuri tas-suq huma indikattivi u tnisslu abbażi ta' kwotazzjonijiet tas-suq. Meta ma kienx hemm kwotazzjonijiet tas-suq, il-prezzijiet tas-suq ġew ikkalkulati bl-użu ta' mudelli interni tal-Eurosistema.

Il-Kunsill Governattiv jevalwa regolarment ir-riskji finanzjarji marbutin mat-titoli miżmumin fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli, il-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi u t-tliet programmi ta' xiri ta' bonds garantiti.

# 6 Klejms fi ħdan l-Eurosistema

## 6.1 Klejms relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema

Din il-partita tikkonsisti fil-klejms tal-BĊE *vis-à-vis* il-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro relatati mal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). Ir-remunerazzjoni ta' dawn il-klejms tiġi kkalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament (ara n-nota 24.2 "Dħul mill-imgħax tal-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema").

# 7 Assi oħra

## 7.1 Assi fissi tanġibbli u intanġibbli

Dawn l-assi kienu jikkonsistu fl-oġġetti li jidhru hawn taħt fil-31 ta' Diċembru 2014:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| **Spiża** | | | |
| Artijiet u bini | 997,154,850 | 170,824,151 | 826,330,699 |
| Impjanti fil-bini | 212,838,181 | 72,341 | 212,765,840 |
| Ħardwer u softwer tal-kompjuters | 71,812,322 | 76,353,659 | (4,541,337) |
| Tagħmir, għamara u vetturi bil-mutur | 82,854,876 | 13,746,611 | 69,108,265 |
| Assi li qegħdin jinbnew | 16,163,065 | 847,217,209 | (831,054,144) |
| Assi fissi oħra | 8,241,408 | 7,751,953 | 489,455 |
| **Spiża totali** | **1,389,064,702** | **1,115,965,924** | **273,098,778** |
| **Deprezzament akkumulat** | | | |
| Artijiet u bini | (88,477,513) | (86,542,592) | (1,934,921) |
| Impjanti fil-bini | (72,342) | (72,341) | (1) |
| Ħardwer u softwer tal-kompjuters | (38,380,961) | (45,004,046) | 6,623,085 |
| Tagħmir, għamara u vetturi bil-mutur | (11,908,686) | (12,797,447) | 888,761 |
| Assi fissi oħra | (628,541) | (373,708) | (254,833) |
| **Total tad-deprezzament akkumulat** | **(139,468,043)** | **(144,790,134)** | **5,322,091** |
| **Valur nett deprezzat** | **1,249,596,659** | **971,175,790** | **278,420,869** |

Il-bini l-ġdid tal-BĊE beda jintuża f'Novembru 2014 u l-ispejjeż relatati għalhekk ġew ittrasferiti mill-partita "Assi li qegħdin jinbnew" għall-intestaturi xierqa. Iż-żieda fl-ispiża fil-kategoriji "Artijiet u bini", "Impjanti fil-bini" u "Tagħmir, għamara u vetturi bil-mutur" hija dovuta l-aktar għal dan it-trasferiment kif ukoll għall-attivitajiet fl-aħħar xahrejn tal-2014 relatati mal-bini l-ġdid tal-BĊE.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni ta' €15.3 miljun tal-Belt ta' Frankfurt għall-konservazzjoni tal-Grossmarkthalle, li fis-snin ta' qabel kienet tidher fil-partita "Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem" ġiet innettjata man-nefqa tal-bini l-ġdid.

## 7.2 Assi finanzjarji oħra

Din il-partita tikkonsisti fl-investiment tal-fondi proprji tal-BĊE[14] miżmumin bħala kontroparti diretta għall-kapital u r-riżervi tal-BĊE, kif ukoll f'assi finanzjarji oħra, fosthom 3,211-il sehem fil-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) bil-prezz tal-akkwist ta' €41.8 miljun.

Il-komponenti ta' din il-partita jidhru hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Kontijiet kurrenti fl-euro | 4,684,410 | 4,620,701 | 63,709 |
| Titoli denominati fl-euro | 19,091,635,302 | 18,068,315,142 | 1,023,320,160 |
| Ftehim irriversjat ta' xiri mill-ġdid fl-euro | 1,488,138,078 | 2,351,403,533 | (863,265,455) |
| Assi finanzjarji oħra | 41,902,068 | 41,906,524 | (4,456) |
| **Total** | **20,626,359,858** | **20,466,245,900** | **160,113,958** |

Iż-żieda netta f'din il-partita fl-2014 kienet dovuta l-aktar (a) għall-investiment mill-ġdid tad-dħul mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tal-fondi proprji; u (b) għaż-żieda fil-valur tas-suq tat-titoli denominati fl-euro.

## 7.3 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

Din il-partita fil-biċċa l-kbira tikkonsisti minn tibdil fil-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014 (ara n-nota 22 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dan it-tibdil fil-valutazzjoni huwa dovut għall-konverżjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet fl-ekwivalenti f'euro bir-rati tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro dovuti għall-konverżjoni tat-tranżazzjonijiet bil-prezz medju tal-munita barranija rispettiva f'dik id-data (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" u "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

Il-qligħ mill-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* pendenti tar-rata tal-imgħax jidħol ukoll f'din il-partita (ara n-nota 20 "*Swaps* tar-rata tal-imgħax").

## 7.4 Dovuti u spejjeż imħallsin bil-quddiem

Fl-2014 din il-partita kienet tiġbor fiha l-imgħax tal-kupun dovut fuq it-titoli, inkluż l-imgħax pendenti mħallas mal-akkwist, li kien ta' €603.9 miljun (2013: €708.3 miljun) (ara n-nota 2.2 "Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni

[14] Kull ftehim ta' xiri mill-ġdid li jsir fl-ambitu tal-ġestjoni tal-portafoll tal-fondi proprji jidħol fil-partita "Varji" fuq in-naħa tal-passiv (ara n-nota 13.3 "Varji").

oħra”; u “Klejms ma’ residenti taż-żona tal-euro denominati f’munita barranija”, in-nota 5 “Titoli ta’ residenti taż-żona tal-euro denominati fl-euro” u n-nota 7.2 “Assi finanzjarji oħra”).

Din il-partita kienet tinkludi wkoll l-imgħax riċevibbli dovut fuq il-bilanċi tat-TARGET2 dovuti mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro għal Diċembru 2014, li kien ta’ €25.5 miljun (2013: €155.1 miljun) u l-imgħax riċevibbli dovut fuq il-klejms tal-BĊE relatati mal-allokazzjoni tal-karti tal-euro fl-Eurosistema għall-aħħar trimestru tas-sena (ara “Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni” fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità), li kien ta’ €10.0 miljun (2013: €69.2 miljun).

Din il-partita tinkludi wkoll (a) dħul dovut minn proġetti komuni tal-Eurosistema (ara n-nota 30 “Dħul ieħor”); (b) dħul dovut relatat mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ara n-nota 28 “Dħul u spejjeż relatati ma’ kompiti superviżorji”); (c) dħul dovut mill-imgħax minn assi finanzjarji oħra; u (d) ħlasijiet varji bil-quddiem.

## 7.5 Varji

Din il-partita kienet tikkonsisti l-aktar fl-ammonti dovuti mit-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE (ara “Tqassim tal-qligħ interim” fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità u n-nota 12.2 “Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)”).

Kienet tinkludi wkoll:

(a) bilanċi relatati ma’ tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f’munita barranija pendenti fil-31 ta’ Diċembru 2014 li ħarġu mill-konverżjoni ta’ dawn it-tranżazzjonijiet fl-ekwivalenti f’euro bil-prezz medju tal-munita rispettiva fid-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f’euro li bihom it-tranżazzjonijiet daħlu fil-kontijiet għall-ewwel darba (ara “Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ” fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

(b) klejm mal-Ministeru tal-Finanzi Federali Ġermaniż fir-rigward ta’ taxxa rekuperabbli fuq il-valur miżjud u taxxi indiretti oħra mħallsa. Dawn it-taxxi għandhom jiġu rimborżati skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li japplika għall-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 39 tal-Istatut tas-SEBĊ.

# 8 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

Din il-partita tikkonsisti fis-sehem tal-BĊE (8%) mit-total tal-karti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni (ara “Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni” fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

# 9 Obbligazzjonijiet ma' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati fl-euro

## 9.1 Obbligazzjonijiet oħra

Din il-partita tiġbor fiha d-depożiti ta' membri tal-*Euro Banking Association* (EBA) li jintużaw biex jipprovdu kollateral lill-BĊE għall-ħlasijiet tal-EBA konklużi permezz tas-sistema TARGET2.

# 10 Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro

Fil-31 ta' Diċembru 2014 din il-partita kienet tiġbor fiha ammont ta' €0.9 biljun (2013: €24.6 biljun) li kien jikkonsisti f'bilanċi miżmumin mal-BĊE minn banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro u banek ċentrali oħra li joħorġu minn, jew li huma l-kontroparti ta', tranżazzjonijiet ipproċessati permezz tas-sistema TARGET2. It-tnaqqis f'dawn il-bilanċi fl-2014 kien dovut għal ħlasijiet minn residenti barra ż-żona tal-euro lil residenti fiż-żona tal-euro li wasslu għal żieda fil-bilanċi tat-TARGET2 ta' banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE (ara n-nota 12.2 "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)").

Fl-2013 din il-partita kienet tinkludi wkoll ammont ta' €0.2 biljun minn dispożizzjoni temporanja u reċiproka dwar il-munita mal-Federal Reserve. B'din id-dispożizzjoni, il-Federal Reserve jipprovdi dollari Amerikani lill-BĊE permezz ta' tranżazzjonijiet *swap* bil-għan li jiġi pprovdut finanzjament f'dollari Amerikani għal żmien qasir lil kontropartijiet fl-Eurosistema. Il-BĊE jagħmel tranżazzjonijiet *swap back-to-back* simultanji mal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro, li jużaw dawn il-fondi biex imexxu operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani ma' kontropartijiet fl-Eurosistema fis-sura ta' tranżazzjonijiet irriversjati.  It-tranżazzjonijiet *swap back-to-back* joħolqu bilanċi fi ħdan l-Eurosistema bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali. Fl-2014 il-Kunsill Governattiv ħa d-deċiżjoni, minħabba t-titjib konsiderevoli fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament b'dollari Amerikani u d-domanda baxxa għal operazzjonijiet li jipprovdu likwidità bid-dollaru Amerikan, li jnaqqas gradwalment l-offerta tiegħu għal dawn l-operazzjonijiet. Ma kien fadal ebda bilanċ pendenti relatat ma' dan fil-31 ta' Diċembru 2014. Fil-ġejjieni, il-BĊE se jevalwa regolarment il-ħtieġa ta' operazzjonijiet bħal dawn, skont il-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jqis il-fatt li l-linji *swap* eżistenti stabbiliti ħolqu qafas għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani għall-kontropartijiet.

# 11 Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija

## 11.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra

Din il-partita tiġbor fiha obbligazzjonijiet li ħarġu minn ftehim ta' xiri mill-ġdid li sar ma' residenti barra ż-żona tal-euro fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżervi f'munita barranija tal-BĊE.

# 12 Obbligazzjonijiet fi ħdan l-Eurosistema

## 12.1 Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin

Dawn jirrappreżentaw l-obbligazzjonijiet mal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro li ħarġu mit-trasferiment ta' assi f'riżervi barranin lill-BĊE meta ssieħbu fl-Eurosistema.

L-aġġustament tal-piżijiet tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital tal-BĊE (ara n-nota 16 "Kapital u riżervi") flimkien mat-trasferiment ta' assi f'riżervi barranin minn Latvijas Banka meta l-Latvja adottat il-munita unika, wasslu għal żieda ta' €243,510,283 f'dawn l-obbligazzjonijiet.

| | Mill-<br>1 ta' Jannar 2014<br>€ | Fil-<br>31 ta' Diċembru 2013<br>€ |
|---|---:|---:|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 1,435,910,943 | 1,401,024,415 |
| Deutsche Bundesbank | 10,429,623,058 | 10,871,789,515 |
| Eesti Pank | 111,729,611 | 103,152,857 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central bank of Ireland | 672,637,756 | 643,894,039 |
| Bank of Greece | 1,178,260,606 | 1,129,060,170 |
| Banco de España | 5,123,393,758 | 4,782,873,430 |
| Banque de France | 8,216,994,286 | 8,190,916,316 |
| Banca d'Italia | 7,134,236,999 | 7,218,961,424 |
| Central Bank of Cyprus | 87,679,928 | 77,248,740 |
| Latvijas Banka | 163,479,892 | - |
| Banque centrale du Luxembourg | 117,640,617 | 100,776,864 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 37,552,276 | 36,798,912 |
| De Nederlandsche Bank | 2,320,070,006 | 2,298,512,218 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1,137,636,925 | 1,122,511,702 |
| Banco de Portugal | 1,010,318,483 | 1,022,024,594 |
| Banka Slovenije | 200,220,853 | 189,499,911 |
| Národná banka Slovenska | 447,671,807 | 398,761,127 |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | 728,096,904 | 721,838,191 |
| **Total** | **40,553,154,708** | **40,309,644,425** |

Il-klejm ta' Latvijas Banka ġie stabbilit għal €163,479,892 biex jiġi żgurat li l-proporzjon bejn dan il-klejm u t-total tal-klejms kreditati lill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jkun daqs il-proporzjon bejn il-piż ta' Latvijas Banka fl-iskema tal-kapital tal-BĊE u l-piż aggregat tal-banek ċentrali nazzjonali l-oħra taż-żona tal-euro f'din l-iskema. Id-differenza bejn il-klejm u l-valur tal-assi ttrasferiti (ara n-nota 1 "Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb" u n-nota 2.2 "Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self estern u assi esterni oħra"; u "Klejms ma'

residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija") ġiet ittrattata bħala parti mill-kontribuzzjonijiet ta' Latvijas Banka, dovuti skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ, għar-riżervi u l-provedimenti ekwivalenti għar-riżervi eżistenti tal-BĊE fil-31 ta' Diċembru 2013 (ara n-nota 14 "Provedimenti" u n-nota 15 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni").

Ir-remunerazzjoni ta' dawn l-obbligazzjonijiet tiġi kkalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament, aġġustata biex ma tirrifletti ebda qligħ mill-komponent tad-deheb (ara n-nota 24.3 "Remunerazzjoni tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tar-riżervi barranin ittrasferiti").

## 12.2 Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)

Fl-2014 din il-partita kienet tikkonsisti l-aktar fil-bilanċi tat-TARGET2 tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro *vis-à-vis* il-BĊE (ara "Bilanċi fi ħdan is-SEBĊ/bilanċi fi ħdan l-Eurosistema" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). Iż-żieda netta f'din il-pożizzjoni rriżultat l-aktar mill-pagament fit-TARGET2 ta' ħlasijiet mir-residenti barra ż-żona tal-euro lil residenti taż-żona tal-euro (ara n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro"). It-tnaqqis fl-ammonti relatati mat-tranżazzjonijiet *swap back-to-back* li saru mill-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani kkontribwixxa għaż-żieda fl-obbligazzjoni netta fl-2014. L-impatt ta' dawn iż-żewġ fatturi ġie paċut parzjalment bil-fidi ta' titoli mixtrijin fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli u fl-ewwel żewġ programmi ta' xiri ta' bonds garantiti li ġew konklużi permezz ta' kontijiet fit-TARGET2.

Ir-remunerazzjoni tal-pożizzjonijiet tat-TARGET2, ħlief il-bilanċi mit-tranżazzjonijiet *swap back-to-back* fir-rigward tal-operazzjonijiet għall-provediment ta' likwidità f'dollari Amerikani, tiġi kkalkulata kuljum bl-aħħar rata tal-imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament.

Din il-partita kienet tinkludi wkoll l-ammont dovut lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro mit-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE (ara "Tqassim tal-qligħ interim" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ |
|---|---|---|
| Dovuti mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-TARGET2 | (590,153,944,468) | (687,997,098,717) |
| Dovuti lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-TARGET2 | 612,892,597,646 | 686,747,265,644 |
| Dovuti lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fir-rigward tat-tqassim tal-qligħ interim tal-BĊE | 840,719,787 | 1,369,690,567 |
| **Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)** | **23,579,372,965** | **119,857,494** |

# 13 Obbligazzjonijiet oħra

## 13.1 Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

Din il-partita fil-biċċa l-kbira tikkonsisti minn tibdil fil-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014 (ara n-nota 22 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dan it-tibdil fil-valutazzjoni huwa dovut għall-konverżjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet fl-ekwivalenti f'euro bir-rati tal-kambju tad-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro dovuti għall-konverżjoni tat-tranżazzjonijiet bil-prezz medju tal-munita barranija rispettiva f'dik id-data (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" u "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

It-telf mill-valutazzjoni tas-*swaps* tar-rata tal-imgħax pendenti jidħol ukoll f'din il-partita (ara n-nota 20 "*Swaps* tar-rata tal-imgħax").

## 13.2 Dovuti u dħul miġburin bil-quddiem

Fil-31 ta' Diċembru 2014 iż-żewġ partiti ewlenin f'din l-intestatura kienu l-imgħax dovut pagabbli lill-banek ċentrali nazzjonali għas-sena 2014 sħiħa fir-rigward tal-klejms tagħhom relatati mar-riżervi barranin ittrasferiti lill-BĊE (ara n-nota 12.1 "Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin") u l-imgħax dovut pagabbli fuq il-bilanċi tat-TARGET2 dovut lill-banek ċentrali nazzjonali għall-aħħar xahar tal-2014. Dawn l-ammonti tħallsu f'Jannar 2015. Dovuti oħra, fosthom dovuti fuq strumenti finanzjarji, jidħlu wkoll f'din il-partita.

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---:|---:|---:|
| Riżervi barranin ittrasferiti lill-BĊE | 57,015,146 | 192,248,631 | (135,233,485) |
| TARGET2 | 26,309,091 | 155,757,290 | (129,448,199) |
| Dovuti oħra | 12,867,414 | 22,536,286 | (9,668,872) |
| **Total** | **96,191,651** | **370,542,207** | **(274,350,556)** |

## 13.3 Varji

Fl-2014 din il-partita kienet tinkludi tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid pendenti ta' €150.1 miljun (2013: €480.4 miljun) li saru fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi proprji tal-BĊE (ara n-nota 7.2 "Assi finanzjarji oħra").

Din il-partita kienet tinkludi wkoll il-bilanċi relatati mat-tranżazzjonijiet *swap* u *forward* f'munita barranija li kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014 (ara n-nota 22 "Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju"). Dawn il-bilanċi joħorġu mill-konverżjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet bl-ekwivalenti f'euro bil-prezz medju tal-munita rispettiva fid-data tal-karta tal-bilanċ, imqabblin mal-valuri f'euro li bihom it-tranżazzjonijiet daħlu fil-kontijiet għall-ewwel darba (ara "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità).

## Skemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul[15]

Barra dan, din il-partita kienet tinkludi l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti tal-BĊE fir-rigward tal-benefiċċji ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-istaff tiegħu u tal-membri tal-Bord Eżekuttiv, kif ukoll tal-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE, li hija ta’ €459.7 miljun (2013: €131.9 miljun).

### Karta tal-Bilanċ

L-ammonti li jidhru fil-Karta tal-Bilanċ fir-rigward tal-benefiċċji ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul għall-impjegati jidhru hawn taħt:

| | 2014 Staff<br>€ miljuni | 2014 Bordijiet<br>€ miljuni | 2014 Total<br>€ miljuni | 2013 Staff<br>€ miljuni | 2013 Bordijiet<br>€ miljuni | 2013 Total<br>€ miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Valur attwali tal-obbligu | 1,087.1 | 24.5 | 1,111.6 | 650.6 | 17.8 | 668.4 |
| Valur ġust tal-assi tal-iskema | (651.9) | - | (651.9) | (536.5) | - | (536.5) |
| **Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti fil-Karta tal-Bilanċ** | **435.2** | **24.5** | **459.7** | **114.1** | **17.8** | **131.9** |

Fl-2014 il-valur attwali tal-obbligu *vis-à-vis* l-istaff ta’ €1,087.1 miljun (2013: €650.6 miljun) kien jinkludi benefiċċji mhux iffinanzjati ta’ €170.3 miljun (2013: €109.4 miljun) relatati mal-benefiċċji ta’ wara l-impjieg, barra l-pensjonijiet, u ma’ benefiċċji oħra fit-tul. Hemm provedimenti mhux iffinanzjati għall-benefiċċji ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u tal-membri tal-Bord Superviżorju.

### Kont tal-Qligħ u t-Telf

L-ammonti li jidhru fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf fl-2014 huma dawn:

| | 2014 Staff<br>€ miljuni | 2014 Bordijiet<br>€ miljuni | 2014 Total<br>€ miljuni | 2013 Staff<br>€ miljuni | 2013 Bordijiet<br>€ miljuni | 2013 Total<br>€ miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spiża kurrenti tas-servizz | 41.7 | 1.2 | 42.9 | 45.9 | 1.4 | 47.3 |
| Imgħax nett fuq l-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti | 4.5 | 0.7 | 5.2 | 8.6 | 0.6 | 9.2 |
| *li minnhom:* | | | | | | |
| *Spiża tal-obbligu* | *25.1* | *0.7* | *25.8* | *24.4* | *0.6* | *25.0* |
| *Dħul mill-assi tal-iskema* | *(20.6)* | *-* | *(20.6)* | *(15.8)* | *-* | *(15.8)* |
| (Qligħ)/telf bil-kalkoli ġodda minn benefiċċji oħra fit-tul | 7.8 | 0.3 | 8.1 | (3.2) | 0 | (3.2) |
| **Total inkluż fi “Spejjeż tal-istaff”** | **54.0** | **2.2** | **56.2** | **51.3** | **2.0** | **53.3** |

15 Fit-tabelli kollha ta' din in-nota, il-kolonna bl-isem “Bordijiet” tagħti l-ammonti fir-rigward kemm tal-Bord Eżekuttiv kif ukoll tal-Bord Superviżorju mill-2014 ’il quddiem.

### Tibdil fl-obbligu tal-benefiċċji definiti, assi tal-iskema u riżultati tal-kalkoli ġodda

It-tibdil fil-valur attwali tal-obbligu tal-benefiċċji definiti jidher hawn taħt:

| | 2014 Staff<br>€ miljuni | 2014 Bordijiet<br>€ miljuni | 2014 Total<br>€ miljuni | 2013 Staff<br>€ miljuni | 2013 Bordijiet<br>€ miljuni | 2013 Total<br>€ miljuni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Obbligu tal-bidu tal-benefiċċji definiti | 650.6 | 17.8 | 668.4 | 677.8 | 17.8 | 695.6 |
| Spiża kurrenti tas-servizz | 41.7 | 1.2 | 42.9 | 45.9 | 1.4 | 47.3 |
| Spiża tal-imgħax fuq l-obbligu | 25.1 | 0.7 | 25.8 | 24.4 | 0.6 | 25.0 |
| Kontribuzzjonijiet imħallsin mill-parteċipanti fl-iskema | 14.0 | 0.1 | 14.1 | 12.3 | 0.1 | 12.4 |
| Benefiċċji mħallsin | (7.1) | (0.8) | (7.9) | (5.5) | (1.1) | (6.6) |
| (Qligħ)/telf bil-kalkoli ġodda | 362.8 | 5.5 | 368.3 | (104.3) | (1.0) | (105.3) |
| **Obbligu tal-għeluq tal-benefiċċji definiti** | **1,087.1** | **24.5** | **1,111.6** | **650.6** | **17.8** | **668.4** |

It-telf bil-kalkoli ġodda ta’ €368.3 miljun għall-2014 fuq l-obbligu tal-benefiċċji definiti kien dovut primarjament għat-tnaqqis fir-rata ta’ skont minn 3.75% fl-2013 għal 2.0% fl-2014. Dan jitqabbel mal-qligħ bil-kalkoli ġodda ta’ €105.3 miljun għall-2013 li ħareġ primarjament minħabba li ġew applikati fatturi ta’ konverżjoni aktar baxxi għall-kalkolu tal-ħlasijiet tal-pensjoni fil-ġejjieni, kif ukoll minħabba ż-żieda fir-rata ta’ skont minn 3.5% fl-2012 għal 3.75% fl-2013.

It-tibdil fl-2014 fil-valur ġust tal-assi tal-iskema fl-istruttura tal-benefiċċji definiti fir-rigward tal-istaff jidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ miljuni | 2013<br>€ miljuni |
|---|---|---|
| Valur ġust tal-ftuħ tal-assi tal-iskema | 536.5 | 439.3 |
| Dħul mill-imgħax fuq l-assi tal-iskema | 20.6 | 15.8 |
| Qligħ bil-kalkoli ġodda | 49.7 | 39.8 |
| Kontribuzzjonijiet imħallsin minn min iħaddem | 36.4 | 33.2 |
| Kontribuzzjonijiet imħallsin mill-parteċipanti fl-iskema | 14.0 | 12.3 |
| Benefiċċji mħallsin | (5.3) | (3.9) |
| **Valur ġust tal-għeluq tal-assi tal-iskema** | **651.9** | **536.5** |

Il-qligħ bil-kalkoli ġodda fuq l-assi tal-iskema fl-2014 u fl-2013 kien jirrifletti l-fatt li r-redditi attwali mill-unitajiet tal-fondi kienu ogħla mid-dħul mill-imgħax ikkalkulat fuq l-assi tal-iskema.

Fl-2014, wara li l-attwarji tal-BĊE għamlu valutazzjoni tal-finanzjament tal-iskema tal-pensjoni tal-istaff tal-BĊE fil-31 ta’ Diċembru 2013, il-Kunsill Governattiv ħa d-deċiżjoni li jnaqqas minn €10.3 miljun għal €6.8 miljun il-kontribuzzjonijiet supplimentari annwali pagabbli sal-2023. Din id-deċiżjoni se tiġi eżaminata mill-ġdid meta tasal il-valutazzjoni li jmiss tal-finanzjament, li hija ppjanata għall-2015. Dan it-tnaqqis ġie paċut sewwa (a) biż-żieda fil-kontribuzzjonijiet li għamel il-BĊE fl-iskema tal-pensjoni tal-istaff (ara “L-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta’ wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul” fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità); u (b) biż-żieda fl-għadd ta’ membri fl-iskema fir-rigward tat-tħejjijiet għat-tnedija tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ara n-nota 31 “Spejjeż tal-istaff”). Għalhekk, il-valuri mdaħħlin fil-

partita "Kontribuzzjonijiet imħallsin minn min iħaddem" żdiedu għal €36.4 miljun (2013: €33.2 miljun).

It-tibdil fl-2014 bir-riżultati tal-kalkoli ġodda (ara n-nota 15 "Kontijiet ta' rivalutazzjoni" jidher hawn taħt:

| | 2014 € miljuni [16] | 2013 € miljuni |
|---|---|---|
| Qligħ/(telf) tal-bidu bil-kalkoli ġodda | 4.8 | (137.1) |
| Dħul mill-assi tal-iskema | 49.7 | 39.8 |
| Qligħ/(telf) fuq l-obbligu | (368.3) | 105.3 |
| Telf/(qligħ) li jidher fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf | 8.1 | (3.2) |
| **Qligħ/(telf) tal-għeluq bil-kalkoli ġodda inkluż fil-"Kontijiet ta' rivalutazzjoni"** | **(305.6)** | **4.8** |

### Ipotesijiet ewlenin

Waqt it-tħejjija tal-valutazzjonijiet imsemmijin f'din in-nota, l-attwarji użaw ipotesijiet li ġew aċċettati mill-Bord Eżekuttiv għall-għanijiet tal-kontabilità u l-pubblikazzjoni. L-ipotesijiet ewlenin li ntużaw biex tiġi kkalkulata l-obbligazzjoni tal-iskema tal-benefiċċji jidhru hawn taħt:

| | 2014 % | 2013 % |
|---|---|---|
| Rata ta' skont | 2.00 | 3.75 |
| Redditu mistenni mill-assi tal-iskema [17] | 3.00 | 4.75 |
| Żidiet ġenerali fis-salarji tal-ġejjieni [18] | 2.00 | 2.00 |
| Żidiet fil-pensjonijiet tal-ġejjieni [19] | 1.40 | 1.40 |

Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet volontarji li saru mill-istaff fi struttura ta' kontribuzzjonijiet definiti fl-2014 ammontaw għal €110.6 miljun (2013: €96.5 miljun). Dawn l-assi jiġu investiti f'assi tal-iskema iżda magħhom iġibu obbligu korrispondenti b'valur ekwivalenti.

## 14 Provedimenti

Din il-partita tikkonsisti fil-parti l-kbira minn provediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb.

16 It-totali jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib.

17 Dawn l-ipotesijiet intużaw fil-kalkolu tal-parti tal-obbligu tal-benefiċċji definiti tal-BĊE li hija ffinanzjata minn assi b'garanzija ta' kapital ta' bażi.

18 Barra dan, saret konċessjoni għal żidiet prospettivi fis-salarji individwali ta' mhux aktar minn 1.8% fis-sena, skont l-età tal-parteċipanti fl-iskema.

19 Skont ir-regoli tal-iskema tal-pensjoni tal-BĊE, il-pensjonijiet għandhom jiżdiedu kull sena. Jekk l-aġġustamenti ġenerali fis-salarji tal-impjegati tal-BĊE jkunu anqas mill-inflazzjoni tal-prezzijiet, kull żieda fil-pensjonijiet għandha tkun konformi mal-aġġustamenti ġenerali fis-salarji. Jekk l-aġġustamenti ġenerali fis-salarji jaqbżu l-inflazzjoni tal-prezzijiet, dawn jiġu applikati biex tiġi kkalkulata ż-żieda fil-pensjonijiet, sakemm il-pożizzjoni finanzjarja tal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE tkun tiflaħ għal żieda bħal din.

Il-provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb jintuża safejn jitqies meħtieġ mill-Kunsill Governattiv biex jagħmel tajjeb għal telf realizzat u mhux realizzat fil-ġejjieni, b'mod partikolari telf fil-valutazzjoni li ma jkunx kopert mill-kontijiet ta' rivalutazzjoni. Id-daqs u r-rekwiżit kontinwu ta' dan il-provvediment jiġu rieżaminati kull sena, skont l-evalwazzjoni tal-BĊE tal-iskopertura tiegħu għal dawn ir-riskji. Din l-evalwazzjoni tqis firxa ta' fatturi, fosthom b'mod partikolari l-livell tal-investimenti f'assi suġġetti għal riskju, id-daqs tal-iskoperturi għar-riskju li jkunu seħħew fis-sena finanzjarja kurrenti, ir-riżultati mbassrin għas-sena ta' wara, u l-evalwazzjoni tar-riskju li tinvolvi kalkoli tal-Valuri f'Riskju (VaR) fuq assi suġġetti għal riskju, li jiġu applikati b'mod konsistenti tul iż-żmien. Il-provvediment, flimkien ma' kull ammont miżmum fil-fond ġenerali tar-riżervi, m'għandux jaqbeż il-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

Fil-31 ta' Diċembru 2013 il-provvediment għar-riskji tar-rata tal-kambju, tar-rata tal-imgħax, tal-kreditu u tal-prezz tad-deheb kien ta' €7,529,669,242. Barra dan, Latvijas Banka kkontribwixxa ammont ta' €30,476,837 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.[20] Wara li qies ir-riżultati tal-evalwazzjoni tiegħu, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li fil-31 ta' Diċembru 2014 jittrasferixxi l-ammont ta' €15,009,843 fil-provvediment. Dan it-trasferiment naqqas il-qligħ nett tal-BĊE għall-2014 għal €988,832,500 u żied id-daqs tal-provvediment għal €7,575,155,922. Wara ż-żieda fil-kapital imħallas tal-BĊE fl-2014 (ara n-nota 16 "Kapital u riżervi") dan l-ammont jikkorrispondi għall-valur tal-kapital tal-BĊE mħallas mill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fil-31 ta' Diċembru 2014.

## 15 Kontijiet ta' rivalutazzjoni

Il-parti l-kbira ta' din il-partita tikkonsisti f'bilanċi ta' rivalutazzjoni mill-qligħ mhux realizzat fuq l-assi, l-obbligazzjonijiet u l-istrumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ (ara "Għarfien tad-dħul", "Assi u obbligazzjonijiet f'deheb u f'munita barranija", "Titoli" u "Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità). Il-partita tinkludi wkoll il-kalkoli ġodda tal-obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti tal-BĊE fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg (ara "L-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità u n-nota 13.3 "Varji").

Malli l-Latvja adottat il-munita unika, Latvijas Banka kkontribwixxa ammont ta' €54.1 miljun għal dawn il-bilanċi b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

[20] Skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ.

| | 2014 € | 2013 € | Bidla € |
|---|---|---|---|
| Deheb | 12,065,394,836 | 10,138,805,097 | 1,926,589,739 |
| Munita barranija | 7,046,435,041 | 2,540,202,558 | 4,506,232,483 |
| Titoli u strumenti oħra | 1,131,424,399 | 674,356,531 | 457,067,868 |
| Obbligazzjoni netta tal-benefiċċji definiti fir-rigward tal-benefiċċji ta' wara l-impjieg | (305,609,580) | 4,825,887 | (310,435,467) |
| **Total** | **19,937,644,696** | **13,358,190,073** | **6,579,454,623** |

Iż-żieda fid-daqs tal-kontijiet ta' rivalutazzjoni hija dovuta fil-parti l-kbira għad-deprezzament tal-euro mad-dollaru Amerikan u d-deheb fl-2014.

Ir-rati tal-kambju użati għar-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena jidhru hawn taħt:

| Rati tal-kambju | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| Dollari Amerikani għal kull euro | 1.2141 | 1.3791 |
| Yen Ġappuniżi għal kull euro | 145.23 | 144.72 |
| Euro għal kull SDR | 1.1924 | 1.1183 |
| Euro għal kull uqija fina ta' deheb | 987.769 | 871.220 |

# 16 Kapital u riżervi

## 16.1 Kapital

### (A) Bidla fl-iskema tal-kapital tal-BĊE

Skont l-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ, l-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital tal-BĊE jiġu ppeżati skont l-ishma tal-Istati Membri rispettivi mill-popolazzjoni totali u l-PDG tal-Unjoni Ewropea bl-istess kalkolu, kif innotifikat lill-BĊE mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-piżijiet jiġu aġġustati kull ħames snin u kull meta jissieħbu Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea. It-tielet aġġustament minn meta twaqqaf il-BĊE sar fl-1 ta' Jannar 2014.

Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar id-dejta statistika li għandha tintuża għall-aġġustament tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew,[21] l-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital ġew aġġustati fl-1 ta' Jannar 2014 kif jidher hawn taħt:

[21] ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.

| | Skema tal-kapital mill-<br>1 ta' Jannar 2014<br>% | Skema tal-kapital fil-<br>31 ta' Diċembru 2013<br>% |
|---|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2.4778 | 2.4176 |
| Deutsche Bundesbank | 17.9973 | 18.7603 |
| Eesti Pank | 0.1928 | 0.1780 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 1.1607 | 1.1111 |
| Bank of Greece | 2.0332 | 1.9483 |
| Banco de España | 8.8409 | 8.2533 |
| Banque de France | 14.1792 | 14.1342 |
| Banca d'Italia | 12.3108 | 12.4570 |
| Central Bank of Cyprus | 0.1513 | 0.1333 |
| Latvijas Banka | 0.2821 | - |
| Banque centrale du Luxembourg | 0.2030 | 0.1739 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0.0648 | 0.0635 |
| De Nederlandsche Bank | 4.0035 | 3.9663 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1.9631 | 1.9370 |
| Banco de Portugal | 1.7434 | 1.7636 |
| Banka Slovenije | 0.3455 | 0.3270 |
| Národná banka Slovenska | 0.7725 | 0.6881 |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | 1.2564 | 1.2456 |
| **Subtotal għall-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro** | **69.9783** | **69.5581** |
| Българска народна банка (il-Bank Nazzjonali tal-Bulgarija) | 0.8590 | 0.8644 |
| Česká národní banka | 1.6075 | 1.4539 |
| Danmarks Nationalbank | 1.4873 | 1.4754 |
| Hrvatska narodna banka | 0.6023 | 0.5945 |
| Latvijas Banka | - | 0.2742 |
| Lietuvos bankas | 0.4132 | 0.4093 |
| Magyar Nemzeti Bank | 1.3798 | 1.3740 |
| Narodowy Bank Polski | 5.1230 | 4.8581 |
| Banca Naţională a României | 2.6024 | 2.4449 |
| Sveriges riksbank | 2.2729 | 2.2612 |
| Bank of England | 13.6743 | 14.4320 |
| **Subtotal għall-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro** | **30.0217** | **30.4419** |
| **Total** | **100.0000** | **100.0000** |

## (B) Kapital tal-BĊE[22]

Il-Latvja adottat il-munita unika fl-1 ta' Jannar 2014. Skont l-Artikolu 48.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, Latvijas Banka ħallas ammont ta' €29,424,264 fl-1 ta' Jannar 2014, li jirrappreżenta l-bqija tas-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE. L-aġġustament tal-ishma tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital flimkien mas-sħubija tal-Latvja fiż-żona tal-euro wasslu għal żieda ta' €43,780,929 fil-kapital imħallas tal-BĊE, li tela' għal €7,697,025,340.

Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro huma mitlubin iħallsu 3.75% tal-kapital sottoskritt tagħhom bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi tal-BĊE. Din il-kontribuzzjoni kienet tammonta għal €121,869,418 fl-aħħar tal-2014. Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro mhuma intitolati jirċievu ebda sehem mill-qligħ tal-BĊE li jitqassam, inkluż id-dħul mill-allokazzjoni ta' karti tal-euro fi ħdan l-

22 L-ammonti individwali huma mqarrbin sal-eqreb euro. Għalhekk, it-totali u s-subtotali fit-tabella jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib.

Eurosistema, u lanqas m'għandhom l-obbligu li jagħmlu tajjeb għal xi telf li jġarrab il-BĊE.

| | Kapital sotto-skritt mill-1 ta' Jannar 2014 € | Kapital imħallas mill-1 ta' Jannar 2014 € | Kapital sotto-skritt fil-31 ta' Diċembru 2013 € | Kapital imħallas fil-31 ta' Diċembru 2013 € |
|---|---|---|---|---|
| Nationale Bank van België/ Banque Nationale de Belgique | 268,222,025 | 268,222,025 | 261,705,371 | 261,705,371 |
| Deutsche Bundesbank | 1,948,208,997 | 1,948,208,997 | 2,030,803,801 | 2,030,803,801 |
| Eesti Pank | 20,870,614 | 20,870,614 | 19,268,513 | 19,268,513 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 125,645,857 | 125,645,857 | 120,276,654 | 120,276,654 |
| Bank of Greece | 220,094,044 | 220,094,044 | 210,903,613 | 210,903,613 |
| Banco de España | 957,028,050 | 957,028,050 | 893,420,308 | 893,420,308 |
| Banque de France | 1,534,899,402 | 1,534,899,402 | 1,530,028,149 | 1,530,028,149 |
| Banca d'Italia | 1,332,644,970 | 1,332,644,970 | 1,348,471,131 | 1,348,471,131 |
| Central Bank of Cyprus | 16,378,236 | 16,378,236 | 14,429,734 | 14,429,734 |
| Latvijas Banka | 30,537,345 | 30,537,345 | - | - |
| Banque centrale du Luxembourg | 21,974,764 | 21,974,764 | 18,824,687 | 18,824,687 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 7,014,605 | 7,014,605 | 6,873,879 | 6,873,879 |
| De Nederlandsche Bank | 433,379,158 | 433,379,158 | 429,352,255 | 429,352,255 |
| Oesterreichische Nationalbank | 212,505,714 | 212,505,714 | 209,680,387 | 209,680,387 |
| Banco de Portugal | 188,723,173 | 188,723,173 | 190,909,825 | 190,909,825 |
| Banka Slovenije | 37,400,399 | 37,400,399 | 35,397,773 | 35,397,773 |
| Národná banka Slovenska | 83,623,180 | 83,623,180 | 74,486,874 | 74,486,874 |
| Suomen Pankki – Finlands Bank | 136,005,389 | 136,005,389 | 134,836,288 | 134,836,288 |
| **Subtotal għall-banek ċentrali taż-żona tal-euro** | **7,575,155,922** | **7,575,155,922** | **7,529,669,242** | **7,529,669,242** |
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 92,986,811 | 3,487,005 | 93,571,361 | 3,508,926 |
| Česká národní banka | 174,011,989 | 6,525,450 | 157,384,778 | 5,901,929 |
| Danmarks Nationalbank | 161,000,330 | 6,037,512 | 159,712,154 | 5,989,206 |
| Hrvatska narodna banka | 65,199,018 | 2,444,963 | 64,354,667 | 2,413,300 |
| Latvijas Banka | - | - | 29,682,169 | 1,113,081 |
| Lietuvos bankas | 44,728,929 | 1,677,335 | 44,306,754 | 1,661,503 |
| Magyar Nemzeti Bank | 149,363,448 | 5,601,129 | 148,735,597 | 5,577,585 |
| Narodowy Bank Polski | 554,565,112 | 20,796,192 | 525,889,668 | 19,720,863 |
| Banca Naţională a României | 281,709,984 | 10,564,124 | 264,660,598 | 9,924,772 |
| Sveriges riksbank | 246,041,586 | 9,226,559 | 244,775,060 | 9,179,065 |
| Bank of England | 1,480,243,942 | 55,509,148 | 1,562,265,020 | 58,584,938 |
| **Subtotal għall-banek ċentrali barra ż-żona tal-euro** | **3,249,851,147** | **121,869,418** | **3,295,337,827** | **123,575,169** |
| **Total** | **10,825,007,070** | **7,697,025,340** | **10,825,007,070** | **7,653,244,411** |

# 17 Ġrajjiet *post* karta tal-bilanċ

## 17.1 Dħul tal-Litwanja fiż-żona tal-euro

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE tat-23 ta' Lulju 2014, li ttieħdet skont l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Litwanja adottat il-munita unika fl-1 ta' Jannar 2015. Bi qbil mal-Artikolu 48.1 tal-Istatut tas-

SEBĊ u l-atti legali adottati mill-Kunsill Governattiv fil-31 ta' Diċembru 2014,[23] Lietuvos bankas ħallas ammont ta' €43,051,594 fl-1 ta' Jannar 2015, li jirrappreżenta l-bqija tas-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE. Bi qbil mal-Artikolu 48.1, flimkien mal-Artikolu 30.1, tal-Istatut tas-SEBĊ, Lietuvos bankas ittrasferixxa assi f'riżervi barranin b'valur totali ekwivalenti għal €338,656,542 lill-BĊE b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2015. Dawn l-assi f'riżervi barranin jikkonsistu f'ammonti ta' dollari Amerikani fis-sura ta' flus kontanti, u f'deheb, fi proporzjonijiet ta' 85 għal 15 rispettivament.

Lietuvos bankas ġie kkreditat bi klejms fir-rigward tal-kapital imħallas u l-assi f'riżervi barranin ekwivalenti għall-ammonti ttrasferiti. Dawn tal-aħħar għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod tal-klejms eżistenti tal-banek ċentrali nazzjonali l-oħra taż-żona tal-euro (ara n-nota 12.1 "Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin").

# Strumenti esklużi mill-karta tal-bilanċ

## 18 Programm awtomatizzat ta' self ta' titoli

Bħala parti mill-ġestjoni tal-fondi proprji tiegħu, il-BĊE għandu ftehim dwar programm awtomatizzat ta' self ta' titoli li bih aġent maħtur jagħmel tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli f'isem il-BĊE ma' għadd ta' kontropartijiet eliġibbli nominati minnu. Skont dan il-ftehim, tranżazzjonijiet irriversjati b'valur ta' €4.8 biljun (2013: €3.8 biljun) kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014.

## 19 *Futures* tar-rati tal-imgħax

Fil-31 ta' Diċembru 2014 it-tranżazzjonijiet f'munita barranija li jidhru hawn taħt, ippreżentati bir-rati tas-suq tal-aħħar tas-sena, kienu pendenti:

| *Futures* tar-rati tal-imgħax f'munita barranija | 2014 Valur tal-kuntratt € | 2013 Valur tal-kuntratt € | Bidla € |
|---|---|---|---|
| Xiri | 911,374,681 | 495,975,636 | 415,399,045 |
| Bejgħ | 1,001,647,311 | 1,727,870,268 | (726,222,957) |

Dawn it-tranżazzjonijiet saru fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

[23] Id-Deċiżjoni BĊE/2014/61 tal-31 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħlas ta' kapital, it-trasferiment ta' assi f'riżervi barranin u l-kontribuzzjonijiet ta' Lietuvos bankas għar-riżervi u l-provedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew, li għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; Ftehim tal-31 ta' Diċembru 2014 bejn Lietuvos bankas u l-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-klejm ikkreditat lil Lietuvos bankas mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, li għadu ma ġiex ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## 20 *Swaps* tar-rati tal-imgħax

Tranżazzjonijiet *swap* tar-rati tal-imgħax b'valur tal-kuntratt ta' €270.8 miljun (2013: €252.0 miljun) ippreżentati bir-rati tas-suq tal-aħħar tas-sena, kienu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014. Dawn it-tranżazzjonijiet saru fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

## 21 Tranżazzjonijiet *forward* f'titoli

Xiri *forward* ta' titoli bl-ammont ta' €245.2 miljun baqa' pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014. Dawn it-tranżazzjonijiet saru fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

## 22 Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju

Saru tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju fl-2014 fl-ambitu tal-ġestjoni tar-riżervi barranin tal-BĊE. Il-klejms u l-obbligazzjonijiet *forward* li jidhru hawn taħt minn dawn it-tranżazzjonijiet, ippreżentati bir-rati tas-suq tal-aħħar tas-sena, baqgħu pendenti fil-31 ta' Diċembru 2014:

| Tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Klejms | 1,899,819,430 | 1,845,947,763 | 53,871,667 |
| Obbligazzjonijiet | 1,777,894,537 | 1,730,929,184 | 46,965,353 |

## 23 Amministrazzjoni ta' operazzjonijiet ta' self

Il-BĊE huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self tal-Unjoni Ewropea fil-mekkaniżmu tal-assistenza finanzjarja għal żmien medju. Fl-2014 il-BĊE pproċessa l-ħlasijiet relatati mas-self mogħti mill-Unjoni Ewropea lil-Latvja, l-Ungerija u r-Rumanija f'din l-iskema.

Fl-ambitu tal-ftehim dwar il-faċilità tas-self bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro[24] u Kreditanstalt für Wiederaufbau,[25] bħala dawk li silfu, ir-Repubblika Ellenika, bħala dik li ssellfet, u l-Bank of Greece, bħala l-aġent ta' min issellef, il-BĊE huwa responsabbli għall-ipproċessar tal-ħlasijiet kollha relatati f'isem min silef u min issellef.

Barra dan, il-BĊE għandu sehem operattiv fl-amministrazzjoni tas-self permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF). Fl-2014 il-BĊE pproċessa l-ħlasijiet relatati mas-self mogħti lill-Irlanda u l-Portugall bl-iskema tal-EFSM u mas-self mogħti lill-Irlanda, il-Greċja u l-Portugall bl-iskema tal-EFSF.

---

24 Minbarra r-Repubblika Ellenika u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

25 Li jaġixxi fl-interess pubbliku, suġġett għall-istruzzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u bil-benefiċċju tal-garanzija tagħha.

Barra dan, il-BĊE jamministra l-ħlasijiet fir-rigward tal-kapital awtorizzat f'ishma u l-operazzjonijiet għas-sostenn tal-istabbiltà tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (ESM).[26] Fl-2014 il-BĊE pproċessa l-ħlasijiet tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fir-rigward tal-kapital awtorizzat f'ishma tal-ESM, kif ukoll il-ħlasijiet mill-ESM relatati ma' self mogħti lil Ċipru u lil Spanja.

[26] It-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (ESM) daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012.

# Noti dwar il-Kont tal-Qligħ u t-Telf

## 24 Dħul nett mill-imgħax

### 24.1 Dħul mill-imgħax fuq assi f'riżervi barranin

Din il-partita tiġbor fiha d-dħul mill-imgħax, bl-ispiża tal-imgħax imnaqqsa, fir-rigward tal-assi netti f'riżervi barranin tal-BĊE, kif jidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dħul mill-imgħax fuq kontijiet kurrenti | 571,710 | 601,611 | (29,901) |
| Dħul mill-imgħax fuq depożiti tas-suq monetarju | 4,234,448 | 6,868,776 | (2,634,328) |
| Dħul mill-imgħax fuq ftehim irriversjat ta' xiri mill-ġdid | 867,860 | 742,788 | 125,072 |
| Dħul nett mill-imgħax fuq titoli | 206,165,493 | 172,250,735 | 33,914,758 |
| Dħul nett mill-imgħax fuq *swaps* tar-rati tal-imgħax | 407,588 | 1,833,740 | (1,426,152) |
| Dħul nett mill-imgħax fuq tranżazzjonijiet *swap* u *forward* tal-kambju | 4,570,710 | 5,237,310 | (666,600) |
| **Dħul totali minn imgħax fuq l-assi f'riżervi barranin** | **216,817,809** | **187,534,960** | **29,282,849** |
| Spiża tal-imgħax fuq kontijiet kurrenti | (23,076) | (42,758) | 19,682 |
| Spiża netta tal-imgħax fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid | 208,426 | (212,229) | 420,655 |
| **Dħul mill-imgħax fuq l-assi f'riżervi barranin (nett)** | **217,003,159** | **187,279,973** | **29,723,186** |

Iż-żieda totali fid-dħul nett mill-imgħax fl-2014 kienet dovuta l-aktar għal dħul ogħla mill-imgħax iġġenerat mill-portafoll tad-dollaru Amerikan.

### 24.2 Dħul mill-imgħax fuq l-allokazzjoni ta' karti tal-euro fl-Eurosistema

Din il-partita tikkonsisti fid-dħul mill-imgħax relatat mas-sehem ta' 8% tal-BĊE mill-ħruġ totali ta' karti tal-euro (ara "Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni" fin-noti dwar il-politika tal-kontabilità u n-nota 6.1 "Klejms relatati mal-allokazzjoni tal-karti tal-euro fl-Eurosistema"). Minkejja ż-żieda ta' 5.4% fil-valur medju tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni, kien hemm tnaqqis fid-dħul fl-2014 minħabba l-fatt li r-rata ewlenija medja ta' rifinanzjament kienet aktar baxxa milli kienet fl-2013 (0.16% fl-2014 imqabbla ma' 0.55% fl-2013).

### 24.3 Remunerazzjoni tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tar-riżervi barranin ittrasferiti

Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fuq il-klejms tagħhom mal-BĊE fir-rigward tal-assi f'rizervi barranin ittrasferiti bi qbil mal-Artikolu 30.1 tal-Istatut tas-SEBĊ (ara n-nota 12.1 "Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin") tidher f'din l-intestatura. It-tnaqqis f'din ir-remunerazzjoni fl-2014 jirrifletti b'mod predominanti l-fatt li r-rata ewlenija medja ta' rifinanzjament kienet iktar baxxa milli kienet fl-2013.

## 24.4 Dħul ieħor mill-imgħax; u spejjeż oħra tal-imgħax

Fl-2014 dawn il-partiti kienu jiġbru fihom dħul mill-imgħax ta' €1.1 biljun (2013: €4.7 biljun) u spejjeż ta' €1.1 biljun (2013: €4.7 biljun) mill-bilanċi tat-TARGET2 (ara n-nota 12.2 "Obbligazzjonijiet oħra fl-Eurosistema (netti)", u n-nota 10 "Obbligazzjonijiet ma' residenti barra ż-żona tal-euro denominati fl-euro").

Kienu jinkludu wkoll id-dħul nett mill-imgħax ta' €727.7 miljun (2013: €961.9 miljun) mit-titoli mixtrijin mill-BĊE fil-Programm tas-Swieq tat-Titoli, €174.2 miljun (2013: €204.2 miljun) mit-titoli mixtrijin fil-programmi ta' xiri ta' bonds garantiti u €0.7 miljun (2013: €0 miljun) mit-titoli mixtrijin fil-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi. Id-dħul mill-imgħax u l-ispejjeż mill-imgħax fir-rigward ta' assi u obbligazzjonijiet oħra denominati fl-euro jidhru f'dawn l-intestaturi wkoll.

# 25 Qligħ/telf realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji

Il-qligħ nett realizzat mill-operazzjonijiet finanzjarji fl-2014 jidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Qligħ nett realizzat mill-prezzijiet | 47,223,558 | 41,335,392 | 5,888,166 |
| Qligħ nett realizzat mir-rata tal-kambju u l-prezz tad-deheb | 10,036,857 | 10,787,010 | (750,153) |
| **Qligħ nett realizzat minn operazzjonijiet finanzjarji** | **57,260,415** | **52,122,402** | **5,138,013** |

Il-qligħ nett realizzat mill-prezzijiet jiġbor fih il-qligħ u t-telf realizzati mit-titoli, mill-*futures* tar-rati tal-imgħax u mis-*swaps* tar-rati tal-imgħax. Iż-żieda totali fil-qligħ nett realizzat mill-prezzijiet fl-2014 kienet dovuta l-aktar għaż-żieda fil-qligħ realizzat mill-prezzijiet iġġenerat mit-titoli fil-portafoll tad-dollaru Amerikan.

# 26 Valutazzjoni negattiva fuq assi u pożizzjonijiet finanzjarji

Il-valutazzjoni negattiva fuq l-assi u l-pożizzjonijiet finanzjarji fl-2014 tidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Telf mhux realizzat mill-prezz tat-titoli | (7,664,489) | (114,606,755) | 106,942,266 |
| Telf mhux realizzat mill-prezz tas-*swaps* tar-rati tal-imgħax | (198,804) | (610) | (198,194) |
| **Valutazzjoni negattiva totali** | **(7,863,293)** | **(114,607,365)** | **106,744,072** |

Fl-2014 iż-żieda totali fil-valur tas-suq tat-titoli miżmumin kemm fil-portafoll tad-dollaru Amerikan kif ukoll fil-portafoll tal-fondi proprji wasslet biex il-valutazzjoni negattiva naqset sostanzjalment meta titqabbel mal-2013.

## 27 Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ | Bidla<br>€ |
|---|---|---|---|
| Dħul minn tariffi u kummissjonijiet | 30,024,834 | 25,917 | 29,998,917 |
| Spejjeż relatati ma' tariffi u kummissjonijiet | (1,866,180) | (2,152,690) | 286,510 |
| **Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet** | **28,158,654** | **(2,126,773)** | **30,285,427** |

Fl-2014 id-dħul f'din l-intestatura kien jikkonsisti l-aktar f'tariffi superviżorji dovuti (ara n-nota 28 "Dħul u spejjeż relatati ma' kompiti superviżorji" u kien jinkludi wkoll penalitajiet imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba li ma kkonformawx mar-rekwiżiti minimi tar-riżervi. L-ispejjeż kienu jikkonsistu f'tariffi relatati mal-kontijiet kurrenti u mat-tranżazzjonijiet ta' *futures* tar-rati tal-imgħax (ara n-nota 19 "*Futures* tar-rati tal-imgħax").

## 28 Dħul u spejjeż relatati ma' kompiti superviżorji

Fl-4 ta' Novembru 2014 il-BĊE ħa f'idejh il-kompiti superviżorji tiegħu skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1024/2013/UE tal-15 ta' Ottubru 2013.

L-ispejjeż annwali tal-BĊE relatati mal-kompiti superviżorji tiegħu se jiġu rkuprati permezz tal-ħlas tat-tariffi superviżorji annwali. It-tariffi superviżorji jkopru, iżda ma jaqbżux, l-ispiża mġarrba mill-BĊE relatata mal-kompiti superviżorji tiegħu fil-perjodu rilevanti tat-tariffa. Din in-nefqa tikkonsisti primarjament fi spejjeż relatati direttament mal-kompiti superviżorji tal-BĊE, jiġifieri l-ispejjeż tal-oqsma tax-xogħol ġodda li twaqqfu (a) għas-superviżjoni tal-banek sinifikanti; (b) għas-sorveljanza tas-superviżjoni ta' banek inqas sinifikanti u (c) għal kompiti orizzontali u servizzi speċjalizzati. Tinkludi wkoll l-ispejjeż relatati indirettament mal-kompiti superviżorji tal-BĊE, jiġifieri l-ispejjeż tas-servizzi pprovduti mill-funzjonijiet eżistenti tal-BĊE, fosthom il-bini, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u s-servizzi tat-teknoloġija tal-informatika.

Għall-2014 il-BĊE se jirkupra l-ispejjeż tiegħu għall-perjodu li beda f'Novembru 2014, jiġifieri meta ħa f'idejh il-kompiti superviżorji tiegħu.

Id-dħul relatat tal-BĊE għal Novembru u Diċembru 2014, li se jiġi ffatturat fl-2015, jidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ |
|---|---|---|
| Tariffi superviżorji | 29,973,012 | - |
| *li minnhom:* | | |
| *Tariffi imposti fuq banek sinifikanti* | *25,622,812* | - |
| *Tariffi imposti fuq banek inqas sinifikanti* | *4,350,200* | - |
| **Dħul totali mill-kompiti tas-superviżjoni bankarja** | **29,973,012** | **-** |

Id-dħul mit-tariffi superviżorji huwa inkluż fil-partita "Dħul nett minn tariffi u kummissjonijiet" (ara n-nota 27 "Dħul nett/spiża netta minn tariffi u kummissjonijiet").

Barra dan, il-BĊE huwa intitolat jimponi multi jew ħlasijiet ta' penalitajiet perjodiċi fuq impriżi li ma jikkonformawx mal-obbligi skont ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tiegħu. Fl-2014 ma ġewx imposti multi jew penalitajiet bħal dawn.

L-ispiża mġarrba mill-BĊE għall-perjodu ta' Novembru u Diċembru 2014 tidher hawn taħt:

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ |
|---|---|---|
| Salarji u benefiċċji | 18,456,945 | - |
| Kiri u manutenzjoni ta' bini | 2,199,243 | - |
| Spiża operattiva oħra | 9,316,824 | - |
| **Spiża totali relatata mal-kompiti tas-superviżjoni bankarja** | **29,973,012** | **-** |

## 29 Dħul mill-ishma u l-parteċipazzjoni azzjonarja

Id-dividendi li daħlu mill-ishma li l-BĊE għandu fil-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS) (ara n-nota 7.2 "Assi finanzjarji oħra") jidhru f'din l-intestatura.

## 30 Dħul ieħor

Dħul ieħor varju fl-2014 kien dovut l-aktar għall-kontribuzzjonijiet dovuti tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro għall-ispejjeż imġarrbin mill-BĊE fir-rigward ta' proġetti komuni tal-Eurosistema.

## 31 Spejjeż tal-istaff

Is-salarji, il-benefiċċji, l-assigurazzjoni tal-istaff u spejjeż oħra varji ta' €244.9 miljun (2013: €187.3 miljun) huma inklużi f'din l-intestatura. F'din il-partita jidher ukoll ammont ta' €56.2 miljun (2013: €53.3 miljun) fir-rigward tal-iskemi tal-pensjoni tal-BĊE, benefiċċji oħra ta' wara l-impjieg u benefiċċji oħra fit-tul (ara n-nota 13.3 "Varji"). Spejjeż tal-istaff ta' €1.2 miljun (2013: €1.3 miljun) imġarrbin fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid tal-BĊE ġew kapitalizzati u huma esklużi minn din il-partita.

Is-salarji u l-benefiċċji, fosthom id-dħul ta' dawk li għandhom kariga maniġerjali għolja, fil-qofol tagħhom huma bbażati fuq l-iskema ta' remunerazzjoni tal-Unjoni Ewropea u huma komparabbli magħha.

Il-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jirċievu salarju bażiku, filwaqt li membri *part-time* tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jitħallsu salarju varjabbli, ibbażat fuq l-għadd ta' laqgħat li jattendu. Barra dan, il-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri *full-time* tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE jirċievu benefiċċji addizzjonali għar-residenza u r-rappreżentanza. Fil-każ tal-President, minflok il-benefiċċju għar-residenza tiġi pprovduta residenza uffiċjali li hija proprjetà tal-BĊE. Bla ħsara għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Istaff tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-membri taż-żewġ bordijiet huma intitolati għal benefiċċji tal-

familja, tat-tfal u tal-edukazzjoni, skont iċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Is-salarji bażiċi huma suġġetti għat-taxxa li tmur għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għal tnaqqis fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għall-iskemi tal-pensjoni, tal-assigurazzjoni medika u tal-assigurazzjoni kontra l-inċidenti. Il-benefiċċji la huma taxxabbli u lanqas pensjonabbli.

Fl-2014 is-salarji bażiċi li tħallsu lill-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-membri tal-Bord Superviżorju impjegati mill-BĊE (i.e. barra r-rappreżentanti tas-superviżuri nazzjonali) jidhru hawn taħt:

| | 2014 € | 2013 € |
|---|---|---|
| Mario Draghi (President) | 379,608 | 378,240 |
| Vítor Constâncio (Viċi President) | 325,392 | 324,216 |
| Peter Praet (Membru tal-Bord) | 271,140 | 270,168 |
| *Jörg Asmussen (Membru tal-Bord sa Jannar 2014)* | *4,912* | *270,168* |
| Benoît Cœuré (Membru tal-Bord) | 271,140 | 270,168 |
| Yves Mersch (Membru tal-Bord) | 271,140 | 281,833 |
| Sabine Lautenschläger (Membru tal-Bord minn Jannar 2014) | 253,457 | - |
| **Total Bord Eżekuttiv** | **1,776,789** | **1,794,793** |
| **Total Bord Superviżorju MSU (membri impjegati mill-BĊE)**[27] | **508,589** | - |
| *li minnhom*: | | |
| Danièle Nouy (President tal-Bord Superviżorju minn Jannar 2014) | 271,140 | - |
| **Total** | **2,285,378** | **1,794,793** |

Barra minn hekk, is-salarju varjabbli mħallas lil membri tal-Bord Superviżorju ammonta għal €74,776 (2013: €0).

Il-benefiċċji totali mħallsa lill-membri taż-żewġ bordijiet u l-kontribuzzjonijiet tal-BĊE għall-iskemi tal-assigurazzjoni medika u kontra l-inċidenti f'isimhom ammontaw għal €674,470 (2013: €526,615).

Barra dan, il-benefiċċji mal-ħatra jew ma' tmiem is-servizz imħallsa lill-membri taż-żewġ bordijiet ammontaw għal €68,616 (2013: €44,538). Dawn il-benefiċċji jidħlu fl-intestatura "Spejjeż amministrattivi" fil-Kont tal-Qligħ u t-Telf.

Jistgħu jsiru ħlasijiet tranżitorji lil dawk li kienu membri tal-Bord Eżekuttiv u l-Bord Superviżorju għal perjodu limitat wara tmiem il-mandat tagħhom. Fl-2014 dawn il-ħlasijiet, il-benefiċċji relatati mal-familja u l-kontribuzzjonijiet tal-BĊE għall-iskemi tal-assigurazzjoni medika u kontra l-inċidenti għal dawk li kienu membri ammontaw għal €243,178 (2013: €618,189). Il-ħlasijiet tal-pensjoni, fosthom il-benefiċċji relatati, lil dawk li kienu membri tal-bordijiet jew lid-dipendenti tagħhom u l-kontribuzzjonijiet għall-iskemi tal-assigurazzjoni medika u kontra l-inċidenti ammontaw għal €599,589 (2013: €472,891).

27 Bl-eċċezzjoni ta' Sabine Lautenschläger, billi s-salarju tagħha jidħol ma' dawk tal-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv.

Fi tmiem l-2014 l-għadd attwali ekwivalenti għal staff *full-time* b'kuntratti mal-BĊE kien ta' 2,577,[28] fosthom 278 f'pożizzjoni maniġerjali. Il-bidla fl-għadd tal-istaff matul l-2014 tidher hawn taħt:

| | 2014 | 2013 |
|---|---|---|
| Total ta' membri tal-istaff fl-1 ta' Jannar | 1,790 | 1,638 |
| Impjegati ġodda/bidla fl-istatus kuntrattwali | 1,458 | 496 |
| Riżenji/tmiem ta' kuntratti | (681) | (347) |
| Żieda netta dovuta għal tibdil fix-xejriet tax-xogħol *part-time* | 10 | 3 |
| **Total ta' membri tal-istaff fil-31 ta' Diċembru** | **2,577** | **1,790** |
| **Medja tal-għadd ta' membri tal-istaff impjegati** | **2,155** | **1,683** |

Iż-żieda fl-għadd tal-istaff fl-2014 kienet dovuta l-aktar għat-tħejjijiet marbutin mat-tnedija tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku f'Novembru 2014.

## 32 Spejjeż amministrattivi

Dawn ikopru l-ispejjeż kurrenti l-oħra kollha relatati mal-kiri u l-manutenzjoni ta' bini, prodotti u tagħmir ta' natura mhux kapitali, tariffi professjonali u servizzi u provvisti oħra, flimkien ma' spejjeż relatati mal-istaff, fosthom dawk marbutin mar-reklutaġġ, ir-rilokazzjoni, l-impjieg, it-taħriġ u t-trasferiment tal-istaff meta jerġa' lura f'pajjiżu. It-tħejjijiet għat-tnedija tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku kellhom sehem fiż-żieda fl-ispejjeż amministrattivi fl-2014.

## 33 Servizzi tal-produzzjoni tal-karti tal-flus

Din l-ispiża hija marbuta l-aktar mal-ġarr transkonfinali ta' karti tal-euro bejn l-istamperiji tal-karti tal-flus u l-banek ċentrali nazzjonali għall-kunsinna ta' karti tal-flus ġodda, u bejn il-banek ċentrali nazzjonali, biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' provvista b'ħażniet ġodda. Dawn l-ispejjeż jitħallsu ċentralment mill-BĊE.

[28] Il-membri tal-istaff b'lif bla ħlas huma esklużi. Dan l-għadd jinkludi membri tal-istaff b'kuntratti permanenti, fissi jew qosra u l-parteċipanti fil-Programm tal-BĊE għall-Gradwati. Membri tal-istaff b'lif tal-maternità jew lif għal mard fit-tul huma inklużi wkoll.

Building a better
working world

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft
Mergenthalerallee 3-5
65760 Eschborn/Frankfurt/M.
Postfach 53 23
65728 Eschborn/Frankfurt/M.

Claus-Peter Wagner
Managing Partner
EMEIA Financial Services
Telefon +49 6196 996 26512
Telefax +49 181 3943 26512
claus-peter.wagner@de.ey.com
www.de.ey.com

President and Governing Council
of the European Central Bank
Frankfurt am Main

10 February 2015

Independent auditor's report

We have audited the accompanying annual accounts of the European Central Bank, which comprise the balance sheet as at 31 December 2014, the profit and loss account for the year then ended, and a summary of significant accounting policies and other explanatory notes (the "Annual Accounts").

*The responsibility of the European Central Bank's Executive Board for the Annual Accounts*
The Executive Board is responsible for the preparation and fair presentation of these Annual Accounts in accordance with the principles established by the Governing Council, which are set out in Decision ECB/2010/21 on the annual accounts of the European Central Bank, as amended, and for such internal control as the Executive Board determines is necessary to enable the preparation of the Annual Accounts that are free from material misstatement, whether due to fraud or error.

*Auditor's responsibility*
Our responsibility is to express an opinion on these Annual Accounts based on our audit. We conducted our audit in accordance with International Standards on Auditing. Those standards require that we comply with ethical requirements and plan and perform the audit to obtain reasonable assurance about whether the Annual Accounts are free from material misstatement.

An audit involves performing procedures to obtain audit evidence about the amounts and disclosures in the Annual Accounts. The procedures selected depend on the auditor's judgement, including the assessment of the risks of material misstatement of the Annual Accounts, whether due to fraud or error. In making those risk assessments, the auditor considers internal control relevant to the entity's preparation and fair presentation of the Annual Accounts in order to design audit procedures that are appropriate in the circumstances, but not for the purpose of expressing an opinion on the effectiveness of the entity's internal control. An audit also includes evaluating the appropriateness of accounting policies used and the reasonableness of accounting estimates made by the Executive Board, as well as evaluating the overall presentation of the Annual Accounts.

We believe that the audit evidence we have obtained is sufficient and appropriate to provide a basis for our audit opinion.

*Opinion*
In our opinion, the Annual Accounts give a true and fair view of the financial position of the European Central Bank as at 31 December 2014, and of the results of its operations for the year then ended in accordance with the principles established by the Governing Council, which are set out in Decision ECB/2010/21 on the annual accounts of the European Central Bank, as amended.

Yours sincerely,

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft

Victor Veger
Certified Public Accountant

Claus-Peter Wagner
Wirtschaftsprüfer

Independent Member of Ernst & Young Global Limited
Chairman Supervisory Board: StB Prof. Dr. Dr. h.c. mult. Otto H. Jacobs - Board of Management: WP/StB Georg Graf Waldersee, Chairman
WP/StB Ute Benzel - Ana-Cristina Grohnert - WP/StB Alexander Kron - WP/StB Prof. Dr. Norbert Pfitzer - WP/StB Gunther Ruppel
dipl. WP Markus T. Schweizer - StB/CPA Mark Smith - CPA Julie Linn Teigland - WP/StB Claus-Peter Wagner - WP/StB Prof. Dr. Peter Wollmert
Registered Office : Stuttgart - Legal Form: GmbH - Amtsgericht Stuttgart HRB 730277 - VAT: DE 147799609

***Din it-traduzzjoni tar-rapport tal-awditur estern tal-BĊE qiegħda ssir b'turija ta' korteżija. Fil-każ ta' diskrepanza, tirbaħ il-verżjoni bl-Ingliż iffirmata minn EY.***

Il-President u l-Kunsill Governattiv
tal-Bank Ċentrali Ewropew
Frankfurt am Main

10 ta' Frar 2015

Rapport tal-awditur indipendenti

Aħna vverifikajna l-kontijiet annwali mehmuża tal-Bank Ċentrali Ewropew, li jikkonsistu fil-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2014, il-kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li għalqet dakinhar, u sommarju tal-politika sinifikanti tal-kontabilità flimkien ma' noti oħra ta' tifsir (il-"Kontijiet Annwali").

*Ir-responsabbiltà tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-Kontijiet Annwali*
Il-Bord Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' dawn il-Kontijiet Annwali skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv, li huma stipulati fid-Deċiżjoni BĊE/2010/21 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif emendata, u għall-kontroll intern li l-Bord Eżekuttiv iqis li jkun meħtieġ biex tkun tista' ssir it-tħejjija tal-Kontijiet Annwali li jkunu ħielsa minn kull dikjarazzjoni falza, sew minħabba frodi jew żbalji.

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*
Ir-responsabbiltà tagħna hija li nesprimu opinjoni dwar dawn il-Kontijiet Annwali abbażi tal-verifika tagħna. Għamilna l-verifika tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika. Dawn l-istandards jitolbu li nkunu konformi mar-rekwiżiti tal-etika u li nippjanaw u nagħmlu l-verifika biex ikollna ċertezza raġonevoli dwar jekk il-Kontijiet Annwali humiex ħielsa minn dikjarazzjonijiet foloz.

Il-verifika tinkludi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza ta' verifika dwar l-ammonti u l-informazzjoni fil-Kontijiet Annwali. Il-proċeduri magħżula jiddependu mill-fehma tal-awditur, inkluża l-evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjonijiet foloz fil-Kontijiet Annwali, sew minħabba frodi jew żbalji. Meta jagħmel dawn l-evalwazzjonijiet tar-riskji, l-awditur iqis il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-Kontijiet Annwali min-naħa tal-entità, sabiex ifassal proċeduri ta' verifika li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi, iżda mhux biex jesprimi opinjoni dwar l-effikaċja tal-kontroll intern tal-entità. Il-verifika tinkludi wkoll l-evalwazzjoni ta' kemm tkun xierqa l-politika tal-kontabilità li tkun tħaddmet u kemm ikunu raġonevoli l-kalkoli tal-kontabilità li jkunu saru mill-Bord Eżekuttiv, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni ġenerali tal-Kontijiet Annwali.

Aħna tal-fehma li l-evidenza ta' verifika li ksibna hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi l-bażi għall-opinjoni tagħna dwar il-verifika.

*Opinjoni*
Fl-opinjoni tagħna, il-Kontijiet Annwali jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-31 ta' Diċembru 2014, u tar-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu għas-sena li għalqet dakinhar skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kunsill Governattiv, li huma stipulati fid-Deċiżjoni BĊE/2010/21 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew, kif emendata.

Dejjem tiegħek,

Ernst & Young GmbH
Wirtschaftsprüfungsgesellschaft

| | |
|---|---|
| Victor Veger<br>Certified Public Accountant | Claus-Peter Wagner<br>Wirtschaftsprüfer |

# Nota dwar it-tqassim tal-qligħ / l-allokazzjoni tat-telf

*Din in-nota mhijiex parti mir-rendikonti finanzjarji tal-BĊE għas-sena 2014.*

Skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-qligħ nett tal-BĊE għandu jiġi ttrasferit f'din l-ordni:

(a) ammont li għad irid jiġi deċiż mill-Kunsill Governattiv, li m'għandux jaqbeż 20% tal-qligħ nett, għandu jiġi ttrasferit fil-fond ġenerali tar-riżervi, sa limitu ekwivalenti għal 100% tal-kapital; u

(b) il-qligħ nett li jibqa' għandu jitqassam lill-azzjonisti tal-BĊE fil-proporzjon tal-ishma mħallsin tagħhom.

Fil-każ ta' telf imġarrab mill-BĊE, l-iżbilanċ jista' jitpaċa mill-fond ġenerali tar-riżervi tal-BĊE u, jekk ikun meħtieġ, wara deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, mid-dħul monetarju tas-sena finanzjarja rilevanti fil-proporzjon u mhux iżjed mill-ammonti allokati lill-banek ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ.[1]

Wara li sar it-trasferiment fil-provediment għar-riskju, il-qligħ nett tal-BĊE għall-2014 kien ta' €988.8 miljun. B'deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, ma sar l-ebda trasferiment fil-fond ġenerali tar-riżervi u l-qligħ interim ta' €840.7 miljun tqassam lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fit-30 ta' Jannar 2015. Barra minn hekk, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jqassam il-qligħ li baqa' ta' €148.1 miljun lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro.

Il-qligħ jitqassam lill-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro fil-proporzjon tal-ishma mħallsa tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE. Il-banek ċentrali nazzjonali barra ż-żona tal-euro mhuma intitolati jirċievu ebda sehem mill-qligħ tal-BĊE u lanqas mhuma obbligati jagħmlu tajjeb għal xi telf tal-BĊE.

| | 2014<br>€ | 2013<br>€ |
|---|---|---|
| Qligħ għas-sena | 988,832,500 | 1,439,769,100 |
| Tqassim tal-qligħ interim | (840,719,787) | (1,369,690,567) |
| Ammont miżmum minħabba aġġustamenti għall-qligħ li sar fis-snin ta' qabel | 0 | (9,503,000) |
| Qligħ għas-sena wara t-tqassim tal-qligħ interim u l-ammont miżmum | 148,112,713 | 60,575,533 |
| Tqassim tal-qligħ li baqa' | (148,112,713) | (60,575,533) |
| Total | 0 | 0 |

[1] Skont l-Artikolu 32.5 tal-Istatut tas-SEBĊ, l-allokazzjoni tas-somma tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ssir fil-proporzjon tal-ishma mħallsin tagħhom fil-kapital tal-BĊE.